MT

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# 2024

## Awditu tal-UE fil-qosor

Preżentazzjoni tar-Rapporti Annwali 2024
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: https://eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: https://eca.europa.eu
Media soċjali: @EUAuditors

*NB: ta' min jinnota li, minħabba l ittondjar, xi totali fiċ-ċifri ppreżentati f'dan id dokument jaf ma jkunux ugwali għas somma tal elementi individwali.*

Ħ afna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (https://europa.eu).

MT

# 2024

# Awditu tal-UE fil-qosor

Preżentazzjoni tar-Rapporti Annwali 2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

# Werrej


Daħla tal-President 4

Riżultati kumplessivi 6

Sejbiet ewlenin 6

Opinjoni 6

X'awditjajna 8

Il-baġit tal-UE għall-2024 f'ċifri 8

Minn fejn jiġu l-flus? 8

Fuq xiex jintefqu l-flus? 8

X'koprejna? 10

X'sibna 11

Il-kontijiet tal-UE jippreżentaw stampa vera u ġusta 11

Aħna noħorġu opinjoni favorevoli dwar id-dħul 11

Aħna noħorġu opinjoni avversa dwar l-infiq tal-baġit tal-UE 12

Aħna ħriġna opinjoni kwalifikata dwar in-nefqa taħt l-RRF fl-2024 15

Ħarsa aktar mill-qrib lejn ir-riżultati tagħna 17

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja 17

Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE 29

Dħul 33

Suq uniku, innovazzjoni u diġitali 36

Koeżjoni, reżiljenza u valuri 40

Riżorsi naturali 46

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri, Sigurtà u difiża 51

Il-Viċinat u d-Dinja 55

Amministrazzjoni pubblika Ewropea 60

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza 63

Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2021 69

Fondi Ewropej għall-Iżvilupp 71

Informazzjoni ġenerali 76

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u x-xogħol tagħha 76

# Daħla tal-President



Ir-rapport annwali tagħna huwa l-prodott ewlieni tal-QEA, li joffri għarfien siewi dwar il-baġit tal-UE u d-diversi oqsma ta' politika tiegħu. Flimkien mal-awditi tal-konformità u tal-prestazzjoni li nwettqu, huwa jappoġġa lill-partijiet ikkonċernati tagħna biex jissawwar il-baġit tal-UE u fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom. F'dan il-kuntest, ir-rapport annwali 2024 tagħna huwa essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi baġitarji attwali tal-UE kif ukoll biex jiġu indirizzati b'mod proattiv dawk mistennija fil-perjodu tal-QFP li jmiss.

Aħna nipprovdu opinjoni favorevoli dwar il-kontijiet tal-2024, filwaqt li naffermaw mill-ġdid li dawn ikomplu jippreżentaw b'mod preċiż il-pożizzjoni finanzjarja tal-UE. Bl-istess mod, ir-rapport annwali tagħna sab li d-dħul tal-UE kien ħieles minn żball materjali.

L-istima tagħna tal-livell kumplessiv ta' żball fl-infiq tal-baġit tal-UE huwa ta' 3.6 % (2023: 5.6 %) u huwa ogħla mis-soll ta' materjalità tagħna. Barra minn hekk, peress li proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni li awditjajna huwa materjalment milqut minn żball, aħna qed noħorġu opinjoni avversa dwar in-nefqa baġitarja tal-UE.

Il-popolazzjoni li awditjajna għan-nefqa ammontat għal EUR 167.9 biljun taħt il-baġit ġenerali. L-akbar kontributur għall-iżball materjali kien "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" f'livell ta' 5.7 % (9.3 % fl-2023). "Riżorsi naturali u ambjent" kellu livell ta' żball stmat ta' 2.6 % (2.2 % fl-2023). Flimkien, dawn iż-żewġ oqsma ta' nfiq jirrappreżentaw żewġ terzi tal-popolazzjoni li awditjajna. It-tipi ta' żbalji l-aktar komuni fil-baġit tal-UE għadhom dawk marbuta ma' proġetti u kostijiet ineliġibbli, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Il-mudell ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ivarja b'mod sinifikanti min-nefqa baġitarja tradizzjonali. Il-kostijiet reali u l-konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali ma jittiħdux inkunsiderazzjoni għall-pagamenti li jkunu saru lill-Istati Membri. Tabilħaqq, in-nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-regoli huwa sors ewlieni ta' żbalji taħt il-baġit tradizzjonali. B'kuntrast ma' dan, il-pagamenti taħt l-RRF iridu jikkonformaw ma' inqas kundizzjonijiet. Dawn isiru biss bil-kundizzjoni li l-istadji importanti u l-miri jkunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Konsegwentement, ir-riżultati tax-xogħol tagħna fuq l-RRF mhumiex kumparabbli mal-baġit tradizzjonali, u għalhekk aħna qed noħorġu opinjoni tal-awditjar separata dwar in-nefqa taħt l-RRF.

Fl-2024, in-nefqa taħt l-RRF ammontat għal EUR 59.9 biljun. L-awditu li wettaqna kopra t-28 pagament ta' għotja kollha taħt l-RRF li jammontaw għal EUR 53.5 biljun u l-approvazzjoni ta' prefinanzjamenti li jammontaw għal EUR 6.4 biljun. Il-verifiki li wettaqna identifikaw każijiet fejn l-istadji importanti u l-miri marbuta mal-pagamenti ma kinux intlaħqu b'mod sodisfaċenti, kif ukoll

problemi relatati mat-treġġigħ lura ta' stadju importanti, finanzjament doppju, u perjodi ta' eliġibbiltà. Barra minn hekk, identifikajna każijiet ta' stadji importanti u miri ddefiniti b'mod vag, flimkien ma' dgħufijiet fil-valutazzjonijiet *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni. Fuq din il-bażi, aħna noħorġu opinjoni kwalifikata dwar in-nefqa taħt l-RRF.

Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet żborżat EUR 178.5 biljun f'pagamenti ta' għotja taħt l-RRF, li jirrappreżentaw biss 50 % tal-fondi totali disponibbli, b'inqas minn sentejn qabel tmiem l-implimentazzjoni tal-RRF f'Diċembru 2026. Reċentement, ħadna l-opportunità biex nieħdu kont u niġbru fil-qosor ix-xogħol estensiv li wettaqna sa mit-twaqqif ta' dan l-istrument temporanju fl-2021, fil-forma ta' rapport analitiku. Dan ir-rapport analitiku jenfasizza s-sejbiet ewlenin u t-tagħlimiet meħuda mill-RRF, bil-ħsieb li jipprovdi bażi għal kwalunkwe mudell ta' implimentazzjoni ġdid potenzjali mhux marbut mal-kostijiet.

Filwaqt li nirrikonoxxu r-rwol li dawn l-istrumenti jista' jkollhom fil-baġit tal-UE, nenfasizzaw li, minn issa 'l quddiem, jenħtieġ li jintużaw biss meta l-finanzjament ikun marbut direttament ma' riżultati li jistgħu jitkejlu. Jenħtieġ li jwasslu għal kostjiet reali, u huwa kruċjali li t-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom ma jikkompromettux l-obbligu ta' rendikont. Meta tali strumenti jinvolvu self futur, l-UE jeħtiġilha timmitiga b'mod effettiv ir-riskji tar-rata tal-imgħax u tistabbilixxi pjan ċar ta' ħlas lura bil-quddiem, li jispeċifika s-sorsi ta' ħlas lura.

Ir-Rapport Annwali 2024 tagħna jindika wkoll riskji marbuta mas-self għal QFP futuri, b'mod partikolari l-piż dejjem jikber mill-obbligi ta' teħid b'self tal-NGEU. Sal-2027, is-self pendenti tal-UE jista' jaqbeż EUR 900 biljun, kważi 10 darbiet il-livell ta' qabel l-NGEU fl-2020. Barra minn hekk, in-nefqa totali fuq l-imgħax fuq l-NGEU fil-QFP attwali tista' taqbeż EUR 30 biljun, aktar mid-doppju tal-previżjoni oriġinali tal-Kummissjoni ta' EUR 14.9-il biljun. Barra minn hekk, aħna niġbdu l-attenzjoni wkoll għall-isfidi li qed jiffaċċja l-QFP attwali, bħall-assorbiment baxx tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża u ż-żieda kontinwa fl-iskopertura tal-baġit tal-UE.

Hekk kif qed jissawwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027, ippubblikajna wkoll rapport analitiku li janalizza l-pożizzjonijiet deskritti fil-qosor fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Frar 2025 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Ir-rapport analitiku jenfasizza l-opportunitajiet biex jittejjeb it-tfassil tal-QFP billi titrawwem sinerġija akbar bejn il-politiki tal-UE u l-baġit tagħha. Dan biex l-infiq tal-UE żgur jagħti valur miżjud, tissaħħaħ il-flessibbiltà, u jiġi ssimplifikat il-qafas. Dan kollu jrid isir mingħajr ma jiġu kompromessi l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, jew it-traċċabbiltà tal-finanzjament tal-UE.

Biex nikkonkludi, nixtieq nenfasizza li permezz tax-xogħol tagħna, l-għan tagħna huwa li nappoġġaw u nipprovdu informazzjoni għad-diskussjonijiet u d-dibattiti dwar il-proposti l-ġodda tal-QFP. Bħala l-awditur estern indipendenti tal-UE, aħna impenjati u ppreparati biex nappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tagħna fit-tisħiħ tal-baġit tal-UE u fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Fl-aħħar nett, nixtieq nirrikonoxxi d-dedikazzjoni u l-għarfien espert tal-persunal tagħna. Il-professjonaliżmu tagħhom huwa fundamentali kemm għall-produzzjoni tar-rapporti annwali tagħna kif ukoll għat-tisħiħ tal-organizzazzjoni tagħna.

Tony Murphy
Il-President

6

# Riżultati kumplessivi

## Sejbiet ewlenin

Skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), aħna nipprovdu **dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li tkopri l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Din hija l-element ċentrali tar-rapport annwali tagħna.

### Opinjoni

Aħna noħorġu opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Noħorġu wkoll opinjoni favorevoli dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul għall-2024.

Nipprovdu żewġ opinjonijiet separati dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa għall-2024:

— l-opinjoni tagħna dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja tal-UE hija avversa.

— l-opinjoni tagħna dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija kwalifikata.

- Il-**livell** kumplessiv **ta' żball stmat** minna **għan-nefqa baġitarja** aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa ta' 3.6 % (2023: 5.6 %). Proporzjon sostanzjali ta' din in-nefqa huwa milqut minn livell materjali ta' żball. Dan jirrigwarda nefqa suġġetta għal regoli kumplessi, prinċipalment ibbażata fuq rimborżi, fejn il-livell ta' żball stmat huwa ta' 5.2 %. Din in-nefqa ammontat għal EUR 115.7-il biljun fl-2024, u tirrappreżenta 68.9 % tal-popolazzjoni li awditjajna. Għalhekk, l-effetti tal-iżbalji li sibna huma kemm **materjali kif ukoll pervażivi** għan-nefqa aċċettata tas-sena, u qed noħorġu **opinjoni avversa dwar in-nefqa baġitarja tal-UE**.

- Għan-**nefqa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**, fl-2024, il-Kummissjoni għamlet 28 pagament ta' għotja lill-Istati Membri, li kienu jinkludu total ta' 539 stadju importanti u 205 miri. Aħna identifikajna sejbiet kwantitattivi f'sitt pagamenti (u approvazzjonijiet relatati ma' prefinanzjamenti). Ħamsa minn dawn il-pagamenti kienu milquta minn żball materjali, u aħna qed noħorġu **opinjoni kwalifikata** dwar in-nefqa taħt l-RRF. Ninnutaw li hemm xejra li qed tiżdied fl-impatt finanzjarju kumplessiv tas-sejbiet kwantitattivi.

- Aħna niddefinixxu "żball" bħala ammont ta' flus li tħallas mill-baġit tal-UE u li għalih il-kundizzjonijiet ta' pagament ma ġewx issodisfati. Id-definizzjoni tagħna tinkludi mhux biss ksur tal-liġi applikabbli li jirriżulta minn atti jew ommissjonijiet ta' operaturi ekonomiċi, iżda wkoll żbalji li jkunu ta' detriment għall-baġit tal-UE li jsiru minn amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali jew mill-Kummissjoni nnifisha. Fir-rapport annwali tagħha dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR), il-Kummissjoni tippreżenta l-istima tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament[1] fl-2024 għall-intestaturi kollha tal-QFP ħlief l-intestatura 3 "Riżorsi naturali u l-ambjent". L-istimi tal-Kummissjoni huma taħt l-intervall ta' fiduċja tagħna għal-livell ta' żball stmat għall-Intestaturi 2 u 6 u fin-nofs inferjuri tal-firxa għall-Intestatura 1. Hemm differenzi bejn ir-rwoli u l-mandati rispettivi tal-Kummissjoni u tal-QEA, u limitazzjonijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Għalhekk, il-livell ta' żball irrappurtat mill-Kummissjoni mhuwiex direttament kumparabbli mal-livell ta' żball stmat minna u x'aktarx li huwa stmat b'mod insuffiċjenti.

- Fl-2024 lill-OLAF irrappurtajnielu 19-il każ (2023: 20 każ) ta' frodi suspettata, li minnhom 15 ġew identifikati matul l-awditu li wettaqna tan-nefqa għall-2023, 3 matul l-awditu li wettaqna tan-nefqa għall-2022 u wieħed fil-kuntest ta' awditu tal-prestazzjoni mwettaq fl-2023 li kien ikopri perjodu ta' programmazzjoni li jibda fl-2017 u jispiċċa fl-2025. Abbażi ta' dan ir-rappurtar, l-OLAF diġà fetaħ sitt investigazzjonijiet. B'mod parallel, irrappurtajna sebgħa minn dawn il-każijiet lill-UPPE, li kollha rriżultaw fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet min-naħa tal-UPPE. L-awditu li wettaqna tan-nefqa fl-2024 diġà identifika seba' każijiet ta' frodi suspettata.

[1] L-Artikolu 253(1)(b)(i) tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-AMPR jinkludi stima tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-UE.

# X'awditjajna

## Il-baġit tal-UE għall-2024 f'ċifri

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw baġit annwali tal-UE fi ħdan il-qafas ta' baġit għal żmien itwal li jkun ġie maqbul għal perjodu ta' diversi snin (magħruf bħala l-"qafas finanzjarju pluriennali" jew il-QFP). Fl-2024, il-pagamenti totali minn dan il-baġit kienu ta' EUR 146.1 biljun, jew 97.6 % tal-ammont disponibbli.

Inklużi pagamenti addizzjonali ta' EUR 98.2 biljun minn dħul assenjat (prinċipalment NextGeneration EU (NGEU) u REPowerEU), flimkien ma' EUR 2.7 biljun ta' riporti u ammonti magħmula disponibbli mill-ġdid, il-pagamenti totali fl-2024 laħqu EUR 247.0 biljun. B'hekk, l-użu tal-baġit għall-pagamenti kien ta' 89.6 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali ta' EUR 275.8 biljun.

Minbarra l-għotjiet tal-RRF ta' EUR 55.9 biljun, l-infiq tal-baġit tal-UE fl-2024 ammonta għal EUR 191.1 biljun.

## Minn fejn jiġu l-flus?

Id-dħul totali tal-baġit għall-2024 kien ta' EUR 250.6 biljun. L-akbar sehem tal-baġit tal-UE huwa ffinanzjat minn ammonti li l-Istati Membri jikkontribwixxu approporzjon tal-introjtu nazzjonali gross tagħhom (EUR 90.4 biljun). Sorsi oħra jinkludu kontribuzzjoni bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud miġbura mill-Istati Membri (EUR 23.4 biljun), dazji doganali (EUR 20.1 biljun), u kontribuzzjoni bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik (EUR 7.2 biljun). L-ammonti mislufa biex jiffinanzjaw appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli lill-Istati Membri fil-kuntest tal-NGEU jipprovdu EUR 73.3 biljun fi dħul tal-UE. Hemm ukoll dħul ieħor (EUR 36.2 biljun). L-aktar sinifikanti fost dawn is-sorsi huma l-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet marbuta ma' ftehimiet u programmi tal-UE.

L-ammonti mislufa għall-finanzjament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli tal-NGEU lill-Istati Membri huma ppreżentati b'mod differenti fil-baġit u fir-rapporti finanzjarji konsolidati. Dawn l-ammonti, li jipprovdu 29 % tad-dħul tal-UE fl-2024, huma ttrattati bħala dħul assenjat estern, li huwa addizzjonali għall-baġit ivvutat, f'konformità mar-Regolament dwar l-RRF. Ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja ma jinkludix dawn l-ammonti bħala dħul, iżda tabilħaqq jinkludi l-ispejjeż relatati mal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli tal-NGEU, u dan iwassal għal impatt negattiv fuq ir-riżultat ekonomiku għas-sena. Riżultati ekonomiċi negattivi jżidu d-defiċit fl-assi netti kif rifless fil-karta tal-bilanċ tal-UE, u għalhekk iridu jiġu ffinanzjati minn baġits futuri.

## Fuq xiex jintefqu l-flus?

Il-fondi tal-UE jiġu żborżati lill-benefiċjarji jew permezz ta' pagamenti uniċi/pagamenti parzjali annwali jew inkella permezz ta' sensiela ta' pagamenti fi ħdan skemi ta' nfiq pluriennali. Il-pagamenti li saru mill-Baġit 2024 tal-UE kienu jinkludu prefinanzjamenti ta' EUR 49.0 biljun u pagamenti oħra li ammontaw għal EUR 142.1 biljun. Kif turi l-***Figura 1***, l-akbar ishma tal-baġit tal-UE marru għal "Riżorsi naturali u ambjent" u "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", segwiti minn "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali".

## Figura 1 — Infiq tal-baġit tal-UE fl-2024 għal kull intestatura tal-QFP




| | |
|---|---|
| **QFP 1 (il-Kapitolu 5)** | Suq uniku, innovazzjoni u diġitali |
| **QFP 2 (il-Kapitolu 6)** | Koeżjoni, reżiljenza u valuri |
| **QFP 3 (il-Kapitolu 7)** | Riżorsi naturali u ambjent |
| **QFP 4 (il-Kapitolu 8)** | Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri |
| **QFP 5 (il-Kapitolu 8)** | Sigurtà u difiża |
| **QFP 6 (il-Kapitolu 9)** | Il-viċinat u d-dinja |
| **QFP 7 (il-Kapitolu 10)** | Amministrazzjoni pubblika Ewropea |
| **Mekkaniżmu ta' solidarjetà** | (lil hinn mill-QFP) |

*Sors:* il-QEA.

Taħt l-RRF, l-Istati Membri jistabbilixxu bil-quddiem ir-riformi u l-investimenti fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-Kummissjoni tħallashom talli jkunu laħqu l-istadji importanti u l-miri relatati. L-Istati Membri jistgħu jitolbu żborżi sa massimu ta' darbtejn fis-sena jekk jipprovdu evidenza suffiċjenti li l-istadji importanti u l-miri relatati jkunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Is-sistema ta' kontroll tal-Kummissjoni trid tiżgura li l-pagamenti taħt l-RRF huma legali u regolari, u dan huwa prinċipalment kontinġenti fuq l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri. Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet għamlet 65 pagament ta' għotja (wieħed fl-2021, 13 fl-2022, 23 fl-2023 u 28 fl-2024) li b'kollox ammontaw għal EUR 178.5 biljun.

# 10

## X’koprejna?

Kull sena, aħna nawditjaw l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ introjtu u nefqa sottostanti. Fl-2024, il-popolazzjoni li awditjajna għall-ittestjar tad-dħul kienet tammonta għal EUR 250.6 biljun. Il-popolazzjoni li awditjajna tat-tranżazzjonijiet ta’ nefqa tkopri pagamenti *interim* u finali aċċettati mill-Kummissjoni kif ukoll approvazzjonijiet ta’ prefinanzjamenti. Il-popolazzjoni li awditjajna għall-ittestjar tan-nefqa ammontat għal EUR 167.9 biljun taħt il-baġit ġenerali. In-nefqa taħt l-RRF fl-2024 ammontat għal EUR 59.9 biljun u l-awditu li wettaqna kopra t-28 pagament ta’ għotja kollha li jammontaw għal EUR 53.5 biljun u l-approvazzjoni ta’ prefinanzjamenti li jammontaw għal EUR 6.4 biljun.

Għall-infiq tal-baġit ġenerali, aħna neżaminaw in-nefqa fil-punt meta r-riċevituri finali tal-fondi tal-UE jkunu wettqu attivitajiet jew ġarrbu kostijiet. Għall-RRF, il-kundizzjoni biex il-Kummissjoni tagħmel pagament lill-Istati Membri hija li l-istadji importanti jew il-miri predefiniti jintlaħqu b’mod sodisfaċenti. Neżaminaw in-nefqa taħt l-RRF fil-mument meta l-Istati Membri jitolbu pagament biex jilħqu l-istadji importanti jew il-miri predefiniti tagħhom u fil-mument li l-Kummissjoni tkun aċċettatha. Aħna ffukajna fuq jekk l-istadji importanti u l-miri ntlaħqux b’mod sodisfaċenti, u jekk il-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà ġewx issodisfati. L-awditu li wettaqna ma jkoprix il-komponent tas-self tal-RRF.

# X’sibna

## Il-kontijiet tal-UE jippreżentaw stampa vera u ġusta

Il-kontijiet tal-UE għall-2024 jippreżentaw b’mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, ir-riżultati finanzjarji tal-UE u tal-assi u l-obbligazzjonijiet tagħha fi tmiem is-sena, skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku.

Għalhekk, aħna nagħtu opinjoni favorevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet. Hawn taħt, nipprovdu analiżi tal-**kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar** – jiġifieri dawk li, skont il-ġudizzju professjonali tagħna, kienu tal-akbar sinifikat fl-awditu li wettaqna tar-rapporti finanzjarji tal-perjodu attwali.

(1) Il-karta tal-bilanċ tal-UE tinkludi obbligazzjoni għall-pensjoni u għal benefiċċji oħra tal-impjegati li ammontaw għal EUR 93.1 biljun fi tmiem l-2024 (2023: EUR 90.8 biljun). Fl-2024, l-obbligazzjoni tal-pensjoni baqgħet stabbli, u ż-żieda żgħira ġiet attribwita għall-progressjoni mistennija tal-kost tas-servizzi u tal-imgħax.

(2) Fi tmiem l-2024, il-valur stmat tan-nefqa eliġibbli mġarrba li kienet dovuta lill-benefiċjarji, iżda li kienet għadha ma ntalbitx, kien ta’ EUR 160.7 biljun (2023: EUR 155.2 biljun). Dawn l-ammonti ġew irreġistrati bħala spejjeż dovuti. Iż-żieda fl-istima fil-programmi kollha hija prinċipalment xprunata mill-fatt li l-perjodu ta’ programmazzjoni preċedenti qed jasal fi tmiemu u li l-użu tal-fondi tal-QFP 2021–2027 kien aktar bil-mod milli antiċipat.

(3) Billi l-UE tipprovdi assistenza lill-Ukrajna fil-għamla ta’ self u għotjiet, aħna vvalutajna l-kalkoli li l-Kummissjoni kienet għamlet rigward l-esponiment finanzjarju relatat tal-UE, kif ukoll il-bażi sottostanti tagħhom, biex naraw li l-konsegwenzi reali u dawk potenzjali żgur kienu riflessi b’mod xieraq fil-kontijiet tal-UE.

(4) Permezz tal-NGEU, l-UE mmobilizzat riżorsi sostanzjali biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Bħala parti mill-proċeduri tal-awditjar tagħna, awditjajna l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż tal-UE, inklużi dawk relatati mal-NGEU. Aħna nikkonkludu li dawn huma ppreżentati b’mod ġust fir-rapporti finanzjarji konsolidati.

## Aħna noħorġu opinjoni favorevoli dwar id-dħul

Nikkonkludu li d-dħul huwa ħieles minn żball materjali. Is-sistemi għall-ġestjoni tad-dħul li eżaminajna kienu b’mod ġenerali effettivi.

## Aħna noħorġu opinjoni avversa dwar l-infiq tal-baġit tal-UE

Għall-infiq tal-baġit tal-UE, aħna nistmaw li l-livell ta' żball jinsab bejn 2.6 % u 4.6 %. Il-punt tan-nofs ta' din il-firxa (il-livell ta' żball stmat mill-QEA) naqas meta mqabbel mas-sena l-oħra, minn 5.6 % għal 3.6 % — ara l-*Figura 2*.

### Figura 2 — Livelli ta' żball stmati (2020–2024)




*Sors:* il-QEA.

Il-*Figura 3* turi li l-oqsma awditjati milquta minn żball materjali jirrappreżentaw 68.9 % tal-popolazzjoni li awditjajna (2023: 64.4 %). Filwaqt li nieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-ittestjar li wettaqna fl-intestaturi kollha tal-QFP, aħna nistmaw li l-livell ta' żball f'din il-parti tan-nefqa huwa ta' 5.2 % (2023: 7.9 %).

## Figura 3 — Proporzjon tal-popolazzjoni li awditjajna għall-2024 li huwa milqut minn żball materjali




*Sors:* il-QEA.

L-oqsma awditjati milquta minn żball materjali jinkludu prinċipalment **pagamenti bbażati fuq rimborżi**, fejn il-benefiċjarji jeħtiġilhom jippreżentaw talbiet għall-kostijiet eliġibbli li jkunu ġarrbu. Għal dan il-fini, kif ukoll biex juru li jkunu involuti f'attività eliġibbli għall-appoġġ, huma jeħtiġilhom jipprovdu evidenza tal-kostijiet rimborżabbli li jkunu ġarrbu. Meta jagħmlu dan, il-benefiċjarji jeħtiġilhom ta' sikwit isegwu regoli kumplessi rigward x'jista jintalab (eliġibbiltà) u kif il-kostijiet jistgħu jiġġarrbu b'mod xieraq (regoli dwar l-akkwist pubbliku jew dwar l-għajnuna mill-Istat).

Nikkonkludu li 31.1 % tal-popolazzjoni li awditjajna hija ħielsa minn żball materjali, u dan ifisser li l-livell ta' żball stmat f'din il-parti tan-nefqa huwa taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %. Din il-parti tal-popolazzjoni tinkludi nefqa relatata ma' **pagamenti bbażati fuq drittijiet** li għalihom il-benefiċjarji jeħtiġilhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet (eż. pagamenti diretti għall-bdiewa, esklużi l-ekoskemi), kif ukoll parti min-nefqa amministrattiva (salarji u pensjonijiet tal-persunal tal-UE), appoġġ baġitarju għal pajjiżi mhux tal-UE, u azzjonijiet ta' mobbiltà għall-istudenti u azzjonijiet ta' mobbiltà oħra taħt Erasmus+. Din il-parti tan-nefqa kienet ukoll ħielsa minn żball materjali fi snin preċedenti. Madankollu, tabilħaqq identifikajna żbalji li jikkonċernaw kostijiet ineliġibbli.

"Koeżjoni, reżiljenza u valuri" huwa l-akbar kontributur għall-parti tal-popolazzjoni li awditjajna li hija milquta minn żball materjali (EUR 49.1 biljun), segwit minn "Riżorsi naturali u ambjent" (EUR 28.4 biljun), "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (EUR 15.3-il biljun) u "Il-viċinat u d-dinja" (EUR 11.8-il biljun).

Il-*Figura 4* tqabbel il-livelli ta' żball stmati minna għal "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali", "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", "Riżorsi naturali u ambjent" bejn l-2020 u l-2024 u turi l-livell ta' żball stmat minna għal "Il-Viċinat u d-Dinja" fl-2024.

## Figura 4 — Livelli ta' żball stmati għall-Intestaturi 1, 2, 3 u 6 tal-QFP (2020–2024)




* Ma pprovdejniex valutazzjoni speċifika għal "Il-viċinat u d-dinja" bejn l-2020 u l-2023.

*Sors:* il-QEA.

**Tqabbil bejn l-istimi tal-livell ta' żball imwettqa minna u dawk imwettqa mill-Kummissjoni**

Fl-AMPR 2024, il-Kummissjoni tippreżenta l-istima tagħha tar-riskju fil-waqt tal-pagament fl-2024 għall-intestaturi kollha tal-QFP ħlief l-Intestatura 3 "Riżorsi naturali u l-ambjent". Iċ-ċifri tal-Kummissjoni huma taħt il-firxa tal-intervall ta' fiduċja tagħna għall-Intestaturi 2 u 6 u fin-nofs inferjuri tal-firxa għall-Intestatura 1. Ir-raġunijiet għal dan jinkludu differenzi inerenti bejn ir-rwoli u l-mandati rispettivi tal-Kummissjoni u tal-QEA, iżda wkoll limitazzjonijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Il-*Figura 5* tippreżenta l-istima mill-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament għall-intestaturi tal-QFP flimkien mal-meded tal-intervall ta' fiduċja tagħna ta' 95 % għal-livell ta' żball stmat.

### Figura 5 — Il-livell ta’ żball stmat minna tal-2024 u r-riskju fil-waqt tal-pagament stmat mill-Kummissjoni, għall-Intestaturi 1, 2 u 6 tal-QFP




*Sors:* il-QEA.

## Aħna ħriġna opinjoni kwalifikata dwar in-nefqa taħt l-RRF fl-2024

L-RRF hija strument temporanju mwassal u ffinanzjat b’mod li huwa fundamentalment differenti min-nefqa baġitarja tal-UE. Filwaqt li l-benefiċjarji tal-infiq tal-baġit tal-UE jitħallsu talli jkunu wettqu ċerti attivitajiet jew jiġu rrimborżati għall-kostijiet imġarrba, taħt l-RRF l-Istati Membri jitħallsu talli jilħqu b’mod sodisfaċenti l-istadji importanti jew il-miri predefiniti. Għaldaqstant, għall-RRF, aħna eżaminajna jekk l-istadji importanti jew il-miri predefiniti ntlaħqux b’mod sodisfaċenti u jekk il-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà orizzontali ġewx issodisfati.

L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna permezz tax-xogħol li wettaqna turi li mit-395 stadju importanti u mira li eżaminajna, 12 ma kinux jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta’ pagament jew ta’ eliġibbiltà. Dawn jikkonċernaw sitt pagamenti f’sitt Stati Membri. Ninnutaw li hemm xejra li qed tiżdied fl-impatt finanzjarju kumplessiv tas-sejbiet kwantitattivi. Sibna wkoll dgħufijiet fil-valutazzjoni *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni; każijiet ta’ stadji importanti/miri ddefiniti b’mod vag li kkontribwew għal valutazzjoni aktar diskrezzjonali tal-ilħuq sodisfaċenti tagħhom; dgħufijiet persistenti fis-sistemi ta’ kontroll tal-Istati Membri; u problemi bl-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni tagħhom.

Barra minn hekk, aħna sibna dgħufijiet serji fil-ħatra tal-imħallfin marbuta mar-riforma biex jissaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati fil-Polonja permezz tar-riforma tar-reġim dixxiplinari għall-imħallfin. Minħabba li hemm kawża għaddejja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar talba għal deċiżjoni preliminari relatata direttament ma' din il-kwistjoni, f'dan l-istadju ddeċidejna li noqogħdu lura milli nikkonkludu dwar l-ilħuq sodisfaċenti taż-żewġ stadji importanti. L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti kien prekundizzjoni għal kwalunkwe pagament taħt l-RRF lill-Polonja.




*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna ([eca.europa.eu](eca.europa.eu)).*

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn ir-riżultati tagħna

## Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

### Minħabba l-NGEU, il-pagamenti qabżu l-impenji fl-2024.

Is-sena 2024 kienet ir-raba' waħda mill-QFP għall-perjodu 2021–2027. Il-*Figura 6* turi d-disponibbiltà ġenerali tal-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-UE, inklużi l-għotjiet taħt l-NGEU.

### Figura 6 — Total tal-approprjazzjonijiet disponibbli inklużi l-għotjiet taħt l-NGEU fl-2024




*Sors:* il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024, u *data* oħra mill-Kummissjoni.

**Ix-xejra reċenti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn li ntużaw kważi kollha kompliet fl-2024**

L-impenji totali li saru taħt il-baġit tal-QFP tal-2024 kienu ta' EUR 193.1 biljun, jiġifieri 98.9 % tal-ammont disponibbli. Inklużi impenji addizzjonali ta' EUR 19.7-il biljun minn dħul assenjat, flimkien ma' EUR 0.9 biljun ta' riporti u ammonti magħmula disponibbli mill-ġdid, l-impenji totali fl-2024 laħqu EUR 213.7-il biljun. L-użu kumplessiv tal-baġit għall-impenji kien ta' 93.9 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn totali ta' EUR 227.7 biljun.

**Il-pagamenti eżegwiti kienu ogħla milli kien ippjanat inizjalment u kienu taħt il-limitu massimu tal-QFP**

Fl-2024, il-pagamenti totali li saru taħt il-baġit tal-QFP kienu f'ammont ta' EUR 146.1 biljun, 97.6 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli ta' EUR 149.7 biljun. Inklużi pagamenti addizzjonali ta' EUR 98.2 biljun minn dħul assenjat (prinċipalment l-NGEU u REPowerEU), flimkien ma' EUR 2.7 biljun ta' riporti u ammonti magħmula disponibbli mill-ġdid, il-pagamenti totali fl-2024 laħqu EUR 247.0 biljun. L-użu tal-baġit għall-pagamenti kien ta' 89.6 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali ta' EUR 275.8 biljun.

## Assorbiment ta' fondi taħt ġestjoni kondiviża: il-QFP għall-perjodu 2014–2020 kważi ġie ffinalizzat, filwaqt li l-livelli tal-QFP għall-perjodu 2021–2027 għadhom baxxi

**L-assorbiment tal-FSIE 2014–2020 laħaq is-97 %, u 21 Stat Membru qabżu l-95 %**

Il-pagamenti totali għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) fi tmiem l-2024 ammontaw għal EUR 475.2 biljun, jew 97 % tal-fondi totali disponibbli (EUR 489.9 biljun). Il-pagamenti fl-2024 ammontaw għal EUR 27.3 biljun. Progress ulterjuri bil-pagamenti tal-FSIE fl-2024 wassal biex 21 Stat Membru assorbew aktar minn 95 % tal-Fondi SIE allokati tagħhom sa tmiem l-2024.

**L-assorbiment tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021–2027 fil-qafas tar-RDK għadu baxx**

Fl-2024, il-pagamenti annwali għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-qafas tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)[2] ammontaw għal EUR 14.7-il biljun (2023: EUR 6.3 biljun), li minnhom EUR 5.2 biljun kienu pagamenti ta' prefinanzjament (2023: EUR 4.1 biljun) u EUR 9.5 biljun kienu pagamenti *interim* (2023: EUR 2.2 biljun). Sa tmiem l-2024, il-pagamenti totali ammontaw għal EUR 27.6 biljun, li kien biss 7 % tal-ammont għal dawn il-fondi fil-QFP għall-perjodu 2021–2027 (EUR 395 biljun). Il-***Figura 7*** turi r-rata ta' assorbiment ta' kull Stat Membru.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/1060.

## Figura 7 — Rati ta' assorbiment tal-Istati Membri tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021–2027 fil-qafas tar-RDK, fi tmiem l-2024




*Sors:* il-QEA, abbażi tal-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fis-6 ta' Jannar 2025.

L-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-FEŻR, il-FK, il-FSE+), li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża fil-qafas tar-RDK għall-perjodu 2021–2027, baqgħet baxxa. Meta nqabblu l-implimentazzjoni tagħhom (il-prefinanzjamenti u l-pagamenti *interim*) mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti (ara l-***Figura 8***), ir-rata ta' assorbiment kumplessiva ta' dawn it-tliet fondi kienet biss ta' 5 % sa tmiem l-2024 meta mqabbla ma' 14 % fil-punt ekwivalenti tal-QFP preċedenti (tmiem l-2017). Billi t-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa sottostanti[3] u d-data ta' skadenza għall-pagament tal-bilanċ finali[4] għall-QFP 2021–2027 jiġu stabbiliti sena qabel minn dawk fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, il-pressjoni biex jiġu assorbiti l-fondi tal-UE se tkompli tiżdied.

## Figura 8 — Implimentazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni fis-sena 4: il-QFP attwali b'inqas minn nofs ir-rata tal-QFP preċedenti




*Nota:* inklużi l-prefinanzjamenti u l-pagamenti *interim*.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fis-6 ta' Jannar 2025.

[3] L-Artikolu 63(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

[4] *Ibid.*, l-Artikolu 102(5).

**Il-pagamenti tal-FAEŻR taħt il-PAK il-ġdida qabdu ritmu mgħaġġel fl-2024**

Mill-2023 ’il hawn, il-FAEŻR ġie kopert mir-regolamenti l-ġodda tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)[5]. Fi tmiem l-2024[6], il-pagamenti mill-FAEŻR ammontaw għal EUR 6.3 biljun (2023: EUR 0.7 biljun), b’rata ta’ assorbiment ta’ 9.5 % meta mqabbla ma’ 1 % fl-2023.

**L-implimentazzjoni tal-għotjiet taħt l-RRF kienet aktar baxxa milli mistenni, filwaqt li l-assorbiment tas-supplimenti tal-NGEU qabad ritmu mgħaġġel fl-2024**

Il-pagamenti annwali tal-għotjiet taħt l-RRF ammontaw għal EUR 55.9 biljun fl-2024, li minnhom EUR 7.9 biljun ġew iffinanzjati minn REPowerEU u EUR 48.0 biljun minn għotjiet taħt l-NGEU. Il-pagamenti annwali għall-għotjiet taħt l-RRF iffinanzjati mill-NGEU kienu biss nofs dak li l-Kummissjoni kienet stenniet f’Ġunju 2023 (EUR 96 biljun)[7]. Madankollu, 15-il Stat Membru kienu ppreżentaw talbiet għall-pagament li kienu jammontaw għal EUR 58.5 biljun f’Diċembru 2024[8]. B’pagamenti, sa tmiem l-2024, ta’ EUR 197.5 biljun minn EUR 358.9 biljun ta’ impenji li saru, l-għotjiet taħt l-RRF sa EUR 161.4 biljun jibqgħu disponibbli biex jitħallsu sa tmiem l-2026. Il-***Figura 9*** turi differenzi sinifikanti fil-livell sa fejn l-Istati Membri assorbew l-għotjiet taħt l-RRF sa issa.

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 u r-Regolament (UE) 2021/2116.

[6] Il-pjattaforma ta’ *data* miftuħa tal-Kummissjoni, fil-31 ta’ Marzu 2025.

[7] COM(2023) 390, it-Tabella 3.

[8] Skeda ta’ żmien tat-Tabella ta’ Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Kummissjoni.

## Figura 9 — Għotjiet tal-RRF imħallsa u ammonti li għandhom jitħallsu abbażi tal-allokazzjonijiet riveduti mill-Istati Membri, fi tmiem l-2024

*(biljun EUR)*

| | Imħallsa 55 % | 197.5 | Għandhom jitħallsu *(abbażi ta' allokazzjonijiet riveduti)* (45 %) 162.0 |
|---|---|---|---|
| L-Iżvezja | 0 % | - | 3.4 |
| L-Ungerija | 2 % | 0.1 | 6.4 |
| Il-Lussemburgu | 13 % | 0.0 | 0.2 |
| Il-Bulgarija | 24 % | 1.4 | 4.3 |
| In-Netherlands | 24 % | 1.3 | 4.1 |
| Il-Finlandja | 26 % | 0.5 | 1.5 |
| L-Irlanda | 28 % | 0.3 | 0.8 |
| Il-Polonja | 29 % | 7.3 | 18.0 |
| Il-Belġju | 30 % | 1.5 | 3.5 |
| L-Awstrija | 30 % | 1.2 | 2.8 |
| Ċipru | 34 % | 0.4 | 0.7 |
| Il-Latvja | 41 % | 0.8 | 1.2 |
| Is-Slovenja | 42 % | 0.7 | 0.9 |
| Ir-Rumanija | 43 % | 5.8 | 7.8 |
| Il-Litwanja | 46 % | 1.1 | 1.2 |
| **Il-Greċja** | 47 % | 8.6 | 9.6 |
| Iċ-Ċekja | 50 % | 4.2 | 4.2 |
| **Malta** | 51 % | 0.2 | 0.2 |
| **Il-Portugall** | 52 % | 8.5 | 7.8 |
| **L-Estonja** | 53 % | 0.5 | 0.4 |
| **Is-Slovakkja** | 54 % | 3.5 | 2.9 |
| **Id-Danimarka** | 59 % | 1.0 | 0.7 |
| **Spanja** | 60 % | 48.0 | 31.9 |
| **Il-Kroazja** | 64 % | 3.7 | 2.1 |
| **L-Italja** | 65 % | 46.4 | 25.3 |
| **Il-Ġermanja** | 65 % | 19.8 | 10.6 |
| **Franza** | 77 % | 30.9 | 9.4 |

**5 Stati Membri** biss assorbew 60 % jew aktar.
**6 Stati Membri addizzjonali** jistgħu jaqbżu s-soll ta' 60 % jekk it-talbiet għall-pagament li ppreżentaw fi tmiem l-2024 jiġu approvati bis-sħiħ.

*Noti:* in-nefqiet amministrattivi mhumiex inklużi.
L-ammont li għandu jitħallas huwa bbażat fuq allokazzjoni riveduta li tinkludi EUR 0.6 biljun li għandhom jiġu impenjati sa tmiem l-2026.
L-Iżvezja ppreżentat l-ewwel talba għall-pagament tagħha (EUR 1.6 biljun) f'Diċembru 2024. L-Ungerija rċeviet biss prefinanzjament u għadha ma ppreżentat l-ebda talba għall-pagament.

*Sors:* il-QEA, abbażi tat-tabella ta' valutazzjoni tal-RRF u *data* oħra mill-Kummissjoni.

L-impenji totali tas-supplimenti tal-NGEU għall-programmi tal-QFP jammontaw għal EUR 82.9 biljun[9]. Il-pagamenti annwali tas-supplimenti tal-NGEU għall-programmi eżistenti tal-QFP ammontaw għal EUR 24.6 biljun fl-2024. Dan jimmarka żieda sinifikanti mis-snin preċedenti (2023: EUR 19.0-il biljun). B'riżultat ta' dan, jistgħu jsiru pagamenti sa EUR 16-il biljun sa tmiem l-2026.

**L-impenji pendenti totali bdew jinżlu fl-2024 iżda aktar bil-mod milli kien mistenni**

Impenji pendenti huma s-somma ta' impenji li saru iżda li għadhom ma tħallsux. Sa tmiem l-2024, l-impenji pendenti totali, li se jkollhom jitħallsu fis-snin ta' wara sakemm ma jiġux diżimpenjati, ammontaw għal EUR 507.4 biljun, li minnhom EUR 166.3 biljun kienu relatati mal-finanzjament ta' għotjiet taħt l-NGEU. Għalkemm l-impenji pendenti kienu inqas mil-livell għoli rekord tal-2023 ta' EUR 543 biljun, it-total kien għadu EUR 33.5 biljun ogħla mill-istima ta' EUR 473.9 biljun magħmula mill-Kummissjoni f'Ġunju 2024[10].

**Riskji u sfidi**

*Riskju dejjem akbar ta' diżimpenji u ħtieġa għal implimentazzjoni aċċellerata*

Fl-2024, il-Kummissjoni bassret diżimpenji għall-perjodu 2025–2027 għal EUR 8.8 biljun[11] (tbassir għall-2023: EUR 8.1 biljun għall-perjodu 2024–2027[12]). Din iż-żieda fid-diżimpenji stmati kienet prinċipalment xprunata mill-programmi ta' koeżjoni taħt il-QFP attwali u mill-FAEŻR. Id-diżimpenji mill-FAEŻR huma mistennija meta l-programmi tal-QFP preċedenti jagħlqu fl-2026, filwaqt li l-programmi ta' koeżjoni għall-QFP 2021–2027 se jħabbtu wiċċhom ma' riskji sinifikanti ta' diżimpenji mill-2027 'il quddiem.

Għall-FK, il-FEŻR u l-FSE+, il-Kummissjoni tbassar diżimpenji totali ta' EUR 2.7 biljun. Madankollu, aħna ninnutaw li fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni għamlet żewġ proposti leġiżlattivi fir-rigward tar-regolamenti dwar il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027[13] li, f'ċerti ċirkustanzi, jistgħu jnaqqsu r-riskju li dawn il-fondi jiġu diżimpenjati.

*Riskji għall-assorbiment f'waqtu tal-fondi tal-RRF*

Fi tmiem l-2024, il-pagamenti ta' għotjiet taħt l-RRF lill-Istati Membri ammontaw għal EUR 197.5 biljun (55 % tat-total disponibbli). Madankollu, dawn il-pagamenti mhux neċessarjament jirriflettu l-għadd jew is-sinifikat tal-istadji importanti u l-miri li laħqu l-Istati Membri, u r-relazzjoni bejn il-fondi riċevuti u l-istadji importanti milħuqa tvarja minn Stat Membru għal ieħor.

[9] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 2.26.

[10] COM(2024) 276, it-Tabella 4.

[11] COM(2024) 276, it-Tabella 2.

[12] COM(2023) 390, it-Tabella 2.

[13] COM(2025) 123 u COM(2025) 164.

F'rapport speċjali dwar l-RRF fl-2024[14], ikkonkludejna li kien hemm riskji għall-assorbiment u t-tlestija f'waqthom tal-miżuri fit-tieni nofs tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF. Barra minn hekk, il-konċentrazzjoni tal-istadji importanti u l-miri matul din il-fażi, b'mod partikolari għall-investimenti, toħloq riskju sinifikanti għal assorbiment sħiħ, billi l-investimenti tipikament jirrikjedu żminijiet itwal ta' implimentazzjoni.

**QFP futuri se jkollhom iqisu l-piż dejjem akbar mill-obbligi ta' teħid b'self taħt l-NGEU**

Għall-analiżi li wettaqna tad-dejn tal-UE, aħna eżaminajna t-teħid b'self mis-swieq finanzjarji, li jikkonsisti prinċipalment minn bonds għal żmien twil. Dan it-teħid b'self jiffinanzja l-NGEU u l-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE. Il-***Figura 10*** tagħti diżaggregazzjoni tal-programmi tal-UE ffinanzjati minn teħid b'self tal-UE.

## Figura 10 — Programmi ffinanzjati minn teħid b'self pendenti tal-UE, fi tmiem l-2024




| | |
|---|---|
| **BtP:** | Bilanċ tal-Pagamenti |
| **EFSM:** | Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja |
| **AMF:** | Assistenza Makrofinanzjarja |
| **NGEU:** | NextGenerationEU |
| **SURE:** | Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza |

*Nota:* l-ammonti ma jinkludux il-parti tal-għotjiet taħt l-RRF iffinanzjati mir-RAB jew mill-ETS.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

[14] Ir-Rapport Speċjali 13/2024.

*Is-self pendenti tal-UE żdied b'aktar minn 30 % fl-2024*

F'dawn l-aħħar 5 snin, il-Kummissjoni żiedet b'mod sinifikanti l-ħruġ ta' bonds billi kienet qed isserraħ fuq is-swieq kapitali biex tiffinanzja programmi akbar, bħal SURE u NGEU. Sal-2027, is-self pendenti tal-UE jista' jaqbeż l-EUR 900 biljun, kważi 10 darbiet il-livell tal-2020 qabel l-NGEU, ara l-***Figura 11***.

## Figura 11 — Bonds pendenti tal-UE mill-2010 'l hawn




*Nota:* il-ħruġ ta' bonds tal-UE b'valur nominali tad-dejn gross. Il-kambjali tal-UE (EUR 23.1 biljun) huma esklużi.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali konsolidati tal-UE għall-2024 u informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

*Ir-ripagament tat-teħid b'self taħt l-NGEU huwa differit għal QFP futuri*

Il-programm NGEU ġie stabbilit biex jipprovdi finanzjament lill-Istati Membri sa EUR 712-il biljun, li minnhom sa EUR 291 biljun kienu għal self taħt l-RRF u sa EUR 421 biljun għal appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU. Sa tmiem l-2024, l-UE kienet żborżat EUR 363.5 biljun. L-UE jaf xorta tissellef sa EUR 348.5 biljun għall-NGEU qabel tmiem l-2026. Wara dik id-data, it-teħid b'self irid ikun strettament limitat għar-rifinanzjament [15].

---

[15] Il-Premessa 18 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.

Ir-ripagament tat-teħid b'self taħt l-NGEU jaf jibda qabel tmiem l-2027, jekk l-approprjazzjonijiet mhux użati jibqgħu disponibbli fil-linja baġitarja biex ikopru l-kostijiet tal-finanzjament NGEU. Inkella, ir-ripagament irid jibda fl-2028 u jitlesta sa mhux aktar tard mill-2058[16]. Għalhekk, il-biċċa l-kbira mir-ripagamenti hija differita għall-QFP futuri minħabba li l-iskeda ta' ripagament trid tkun stabbli u prevedibbli, u r-ripagamenti annwali tat-teħid b'self taħt l-NGEU huma limitati għal 7.5 % tal-ammont massimu tal-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU[17] (jiġifieri EUR 31.6 biljun fis-sena).

*Il-kostijiet mistennija tat-teħid b'self taħt l-NGEU għall-QFP attwali ġew riveduti 'l isfel fl-2024, iżda xorta jistgħu jkunu d-doppju tal-istimi inizjali*

L-allokazzjoni kumplessiva li ntlaħaq qbil dwarha fl-2020 għall-QFP 2021–2027 għall-kost ta' finanzjament tal-NGEU kienet tammonta għal EUR 14.9-il biljun taħt l-Intestatura 2b tal-QFP biex jiġu ffinanzjati l-imgħax u l-ħlasijiet tal-kupuni għat-teħid b'self taħt l-NGEU[18]. L-istimi għall-2020 kienu bbażati fuq ir-rati tal-imgħax mistennija għas-self li jvarjaw minn 0.55 % fl-2021 sa 1.15 % fl-2027[19]. Madankollu, ir-rati tal-imgħax reali żdiedu b'mod sinifikanti[20], u dan kellu effett negattiv fuq il-kost marġinali tal-finanzjament tal-UE. Il-kost tal-finanzjament laħaq l-ogħla livell ta' 3.63 % fl-2023, minn 0.15 % fl-2021. Imbagħad beda jinżel fl-ewwel nofs tal-2024[21].

Għalhekk, in-nefqa fi mgħax totali fil-QFP attwali tista' tvarja minn EUR 29 biljun sa EUR 30.4 biljun, madwar id-doppju tat-tbassir oriġinali tal-Kummissjoni ta' EUR 14.9-il biljun[22]. Fl-2024, briefing ikkummissjonat mill-Parlament Ewropew[23] stma li l-pagamenti totali tal-imgħax għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU jistgħu jvarjaw minn EUR 70.9 biljun sa EUR 73.8 biljun fil-QFP li jmiss (2028–2034).

It-teħid b'self tal-UE, kemm relatat mal-NGEU kif ukoll dak mhux relatat mal-NGEU, huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti sa tmiem il-QFP attwali, u l-biċċa l-kbira mir-ripagament tiġi differita għall-QFP futuri. Sabiex tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà tal-QFP futuri, se jkun hemm ħtieġa li jitqies il-piż dejjem akbar tal-obbligi relatati mat-teħid b'self, id-disponibbiltà ta' garanziji adegwati u l-ħtieġa li żgur ikun hemm riżorsi suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE. L-iskeda ta' ripagament tat-teħid b'self għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU hemm mnejn taffettwa l-approprjazzjonijiet ta' pagament kumplessivi ta' QFP futuri, mingħajr preġudizzju għad-daqs tagħhom.

---

[16] L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.

[17] *Ibid.*

[18] Statement of estimates of the Commission for the financial year 2024 (taqsima dwar il-Programmazzjoni Finanzjarja 2025–2027, p. 9).

[19] Briefing Revision of the EU's long-term budget for 2021 to 2027 imwettaq mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, p. 7.

[20] Is-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali Ewropew:rati tal-imgħax ewlenin tal-BĊE.

[21] COM(2025) 70.

[22] Statement of estimates of the Commission for the financial year 2024 (taqsima dwar il-Programmazzjoni Finanzjarja 2025–2027, p. 9).

[23] Bruegel, Management of debt liabilities in the EU budget under the post-2027 MFF.

**Il-baġit tal-UE kompla jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna matul il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja**

Skont il-Kummissjoni, sa tmiem l-2024, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu mmobilizzaw aktar minn EUR 130 biljun f'appoġġ għall-Ukrajna u l-poplu tagħha mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja.

Fi tmiem l-2024, is-self approvat lill-Ukrajna, jew pendenti jew li għad irid jiġi żborżat, kien jammonta sa EUR 80.1 biljun, li minnhom EU 42.1 biljun kienu ġew żborżati.

**L-esponiment tal-baġit tal-UE qed ikompli jiżdied**

L-esponiment tal-baġit tal-UE ammonta għal EUR 342 biljun fi tmiem l-2024, żieda ta' 14.8 % minn EUR 298.0 biljun fi tmiem l-2023.

L-esponiment tal-baġit tal-UE huwa mistenni li jkompli jiżdied, u jilħaq sa EUR 567 biljun sal-2027. Ara l-***Figura 12***.

## Figura 12 — L-esponiment preċedenti u dak projettat tal-baġit tal-UE

*(biljun EUR fi prezzijiet attwali)*




(*) Oħrajn sa 71:
- — Garanziji baġitarji għall-operazzjonijiet li ġew iffirmati iżda li għadhom ma ġewx żborżati (sa 27)
- — Faċilità għall-Ukrajna (sa 19.9)
- — Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (sa 18.1)
- — Faċilità għall-Balkani tal-Punent (sa 4)
- — Faċilità għall-Moldova (sa 1.5)
- — Assistenza Makrofinanzjarja lill-Ġordan (sa 0.5)

*Nota:* iċ-ċifra għall-2025 u 'l quddiem ma tiħux inkunsiderazzjoni r-ripagament ta' self li jimmatura fil-perjodu 2025–2027.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-kontijiet konsolidati annwali tal-UE għall-2024.

## X'nirrakkomandaw

Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tara li r-ripagament tal-NGEU żgur jieħu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tfassal u timplimenta skedi xierqa għar-ripagament tat-teħid b'self għall-appoġġ mhux ripagabbli taħt l-NGEU, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni tal-programmi eżistenti u dawk futuri tal-UE.

*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 2 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE

## X'awditjajna

Din is-sena, il-kapitolu tagħna dwar il-prestazzjoni jkopri s-suġġetti li ġejjin:

- il-Parti 1 — Riżultati u messaġġi ewlenin mir-rapporti speċjali tagħna tal-2024 dwar il-prestazzjoni, kif ukoll informazzjoni relatata mingħand il-Kummissjoni u mill-awtoritajiet baġitarji u leġiżlattivi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill);
- il-Parti 2 — Analiżi ta' kif il-Kummissjoni rrappurtat l-informazzjoni relatata mal-prestazzjoni fl-AMPR 2023 tagħha, għall-Intestatura 1 "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP);
- il-Parti 3 — Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna tal-2021 dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE.

## X'sibna

**Parti 1 — Riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni li wettaqna: messaġġi ewlenin**

Ir-rapporti speċjali tagħna jeżaminaw kemm il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba[24] ġew applikati tajjeb fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Dawn jindirizzaw l-objettivi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-konformità. Fl-2024, ippubblikajna 28 rapport speċjali li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE fl-oqsma differenti ta' nfiq u l-politiki differenti tagħha.

Ix-xogħol tal-awditjar tagħna kien immirat lejn l-oqsma li ġejjin, li huma prijoritajiet tal-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021–2025: ir-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi, iż-żieda tal-kompetittività ekonomika tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha, ir-reżiljenza għat-theddid għas-sigurtà tal-UE, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali u l-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi fl-UE.

Il-***Figura 13*** tagħti stampa ġenerali tar-rapporti speċjali kollha li ppubblikajna fl-2024, skont il-qasam strateġiku.

---

[24] L-Artikolu 33 tar-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, Settembru 2024.

## Figura 13 — Oqsma strateġiċi tal-QEA koperti minn rapporti speċjali fl-2024

| | |
|---|---|
| **Ir-rispons tal-UE għall-irkupru wara l-kriżi** | ▪ RS 12/2024: Ir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19<br>▪ RS 13/2024: Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<br>▪ RS 25/2024: Diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa |
| **Kompetittività** | ▪ RS 04/2024: L-ilħuq tal-objettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE<br>▪ RS 08/2024: L-ambizzjoni tal-UE f'dak li jikkonċerna l-Intelliġenza artifiċjali<br>▪ RS 10/2024: Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fl-UE<br>▪ RS 11/2024: Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli<br>▪ RS 21/2024: L-għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi<br>▪ RS 23/2024: It-tikkettar tal-ikel fl-UE |
| **Ir-reżiljenza u l-valuri Ewropej** | ▪ RS 02/2024: Ir-rwol ta' koordinazzjoni li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jaqdi<br>▪ RS 03/2024: L-istat tad-dritt fl-UE<br>▪ RS 05/2024: Reġistru tat-Trasparenza tal-UE<br>▪ RS 06/2024: Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija<br>▪ RS 17/2024: Il-fond fiduċjarju tal-UE għall-Afrika<br>▪ RS 18/2024: Appoġġ finanzjarju mill-UE għas-sistemi tas-saħħa f'pajjiżi sħab magħżula<br>▪ RS 26/2024: L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE<br>▪ RS 28/2024: Infurzar tad-dritt tal-UE |
| **Tibdil fil-klima, ambjent u riżorsi naturali** | ▪ RS 01/2024: It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-djossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri<br>▪ RS 09/2024: Is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-UE<br>▪ RS 14/2024: Tranżizzjoni ekoloġika<br>▪ RS 15/2024: L-adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE<br>▪ RS 19/2024: Il-biedja organika fl-UE<br>▪ RS 20/2024: Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni |
| **Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi** | ▪ RS 07/2024: Is-sistemi tal-Kummissjoni għall-irkupru tan-nefqa irregolari tal-UE<br>▪ RS 16/2024: Id-dħul tal-UE bbażat fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik<br>▪ RS 22/2024: Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE<br>▪ RS 24/2024: Iċ-Ċivil tal-UE<br>▪ RS 27/2024: Ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi u kontra evitar tat-taxxa korporattiva |

*Sors:* il-QEA.

**Il-Parti 2 — Prestazzjoni tal-programmi taħt l-Intestatura 1 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali"**

Aħna osservajna li:

- Il-qafas tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Kummissjoni kien stabbli u r-referenzi tal-Kummissjoni għall-prestazzjoni tal-Intestatura 1 tal-QFP fl-AMPR 2023 tagħha segwew l-istruzzjonijiet korporattivi. Aħna sibna inkonsistenzi żgħar fid-*data* rrappurtata.
- B'mod ġenerali, l-indikaturi tal-prestazzjoni rrappurtati għaż-żewġ perjodi fid-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programmi (PPSs) kienu bbażati fuq il-prinċipju SMART (speċifiku, li jista' jitkejjel u jinkiseb, rilevanti, marbut mal-ħin). L-indikaturi ttejbu fil-perjodu 2021–2027 biex jindirizzaw aħjar il-firxa tal-prestazzjoni tal-programm, mill-input sal-impatt. Madankollu, il-FNE għadha ma tinkludix indikaturi tar-riżultati jew tal-impatt. F'ċerti każijiet, l-interpretazzjoni tal-indikaturi kienet diffiċli.
- Kien hemm lakuni fit-traċċabbiltà tad-*data* li fuqha huma bbażati l-indikaturi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari għal Orizzont 2020. Dan idgħajjef bil-kbir l-affidabbiltà tagħhom. Filwaqt li l-Kummissjoni tejbet il-mod li bih tali *data* ġiet iċċekkjata għal Orizzont Ewropa, aħna xorta sibna inkonsistenzi fid-*data* sottostanti.
- L-indikaturi tal-prestazzjoni rrappurtati għall-Programm Spazjali tal-UE ma kinux rappreżentattivi bis-sħiħ tal-fehmiet tal-utenti tal-programm, u preċedentement irrakkomandajna li l-Kummissjoni tuża indikaturi tal-prestazzjoni xierqa.
- Il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress fil-kisba tal-KPIs fil-PPSs. Kellna fehma differenti tal-progress f'19 % tal-indikaturi inklużi fil-PPSs li kienu fil-kampjun. Għall-biċċa l-kbira minnhom, qisna li r-riżultati kienu qed jagħmlu progress inqas tajjeb mill-Kummissjoni. Għal InvestEU, 50 % tal-indikaturi ppreżentati fil-PPS ma kellhomx mira. Dan jillimita l-possibbiltà li jiġi vvalutat il-progress li sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-programm.
- Kemm għal Orizzont 2020 kif ukoll għall-FNE 2014–2020, għal programmi li daqt ikunu lesti, inqas minn nofs l-indikaturi tal-prestazzjoni juru li r-riżultati nkisbu jew jinsabu fit-triq it-tajba.
- Fil-każ tal-programmi għall-perjodu 2021–2027, u għall-indikaturi li għalihom hemm data disponibbli, il-progress għal Orizzont Ewropa, il-FNE u l-Programm Spazjali tal-UE huwa fit-triq it-tajba jew moderat. Għal InvestEU, il-biċċa l-kbira mill-indikaturi ma kellhom l-ebda mira, u b'hekk ma jistgħux jintużaw biex jiġi vvalutat il-progress.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- Ittejjeb aktar it-traċċabbiltà tad-*data* li tappoġġa r-rappurtar tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.
- Ittejjeb il-monitoraġġ tal-indikaturi.
- Ittejjeb il-valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

**Il-Parti 3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE — status fi tmiem l-2021**

Din il-parti tipprovdi informazzjoni dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tagħna dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE li jkopri s-sena finanzjarja 2021.

Tnejn mis-sitt sottorakkomandazzjonijiet kienu dovuti din is-sena. Aħna vvalutajna li waħda kienet ġiet implimentata bis-sħiħ filwaqt li l-oħra kienet ġiet implimentata fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. L-erba' sottorakkomandazzjonijiet li kien fadal kellhom id-dati fil-mira tagħhom marbuta mat-tħejjija tal-QFP ta' wara l-2027, li kien għadu għaddej fiż-żmien meta wettaqna l-awditu. Għal tlieta minn dawn, stajna nivvalutaw il-progress li sar lejn l-implimentazzjoni u sibna li dawn diġà kienu ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

Il-Kummissjoni tqis li s-sistema kontabilistika l-ġdida SUMMA toffri modi tekniċi aħjar ta' traċċar tan-nefqa relatata mal-prijoritajiet orizzontali. Għall-QFP li jmiss, u qabel ma tespandi t-traċċar ta' tali nefqa, il-Kummissjoni beħsiebha tivvaluta r-rilevanza kif ukoll il-kostijiet u l-benefiċċji ta' kwalunkwe żvilupp ġdid tal-IT. Bħalissa, u b'mod konsistenti mar-rekwiżiti legali li fuqhom huma bbażati l-programmi rilevanti, huwa biss l-infiq fuq il-klima li qed jiġi ttraċċat u rrappurtat b'mod awtomatizzat mis-sistema kontabilistika. Għall-prijoritajiet orizzontali l-oħra, bħall-bijodiversità, id-diġitali u l-ġeneru, il-Kummissjoni tiddependi fuq *data* introdotta manwalment. Dan huwa proċess li jieħu ħafna ħin u suxxettibbli għall-iżbalji.

*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 3 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*



## Dħul

## Total: EUR 250.6 biljun

### X'awditjajna

L-awditu li wettaqna kopra l-parti tal-baġit tal-UE li tikkonċerna d-dħul, li tiffinanzja n-nefqa tal-UE. Aħna eżaminajna sistemi ta' kontroll ewlenin magħżula għall-ġestjoni tar-riżorsi proprji, u kampjun ta' tranżazzjonijiet tad-dħul.

### Figura 14 — Dħul — ripartizzjoni fl-2024*




* It-total ta' EUR 250.6 biljun jirrappreżenta d-dħul tal-UE fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għall-2024 li huma bbażati fuq regoli modifikati tal-kontabbiltà abbażi tal-ħlasijiet. L-ammont ta' EUR 175.8 biljun ippreżentat fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja tal-2024 huwa kkalkulat bl-użu ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti. Ir-rikavati mit-teħid b'self għall-finanzjament tal-NGEU huma inklużi bħala dħul fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, f'konformità mar-Regolament 2020/2094, iżda mhumiex inklużi bħala dħul fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja f'konformità mar-regoli kontabilistiċi.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Ir-**riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) mingħand l-Istati Membri** tipprovdi 36 % tad-dħul tal-UE fl-2024, filwaqt li r-riżorsa proprja bbażata fuq it-**taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)** tipprovdi 9 %. Dawn il-kontribuzzjonijiet jiġu kkalkulati bl-użu ta' statistika u stimi makroekonomiċi pprovduti mill-Istati Membri. Ir-**riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)**, li jikkonsistu f'dazji doganali fuq l-importazzjonijiet miġbura mill-Istati Membri f'isem l-UE, jipprovdu 8 % oħra tad-dħul tal-UE.

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq **l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik (riżorsa proprja tal-plastik)** tipprovdi 3 % tad-dħul tal-UE. Din tiġi kkalkulata bl-applikazzjoni ta' rata uniformi fuq il-ponderazzjoni tal-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat f'kull Stat Membru.

L-ammonti mislufa biex jiġi ffinanzjat l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli mogħti lill-Istati Membri fil-kuntest tal-NGEU jipprovdu 29 % tad-dħul tal-UE. Sorsi sinifikanti oħra jinkludu kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet marbuta ma' ftehimiet u programmi tal-UE, li jipprovdu 11 % tad-dħul tal-UE. Dawn jinkludu l-irkupri mill-Istati Membri fl-oqsma ta' "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" u "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali", kif ukoll il-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE għal programmi u attivitajiet tal-UE.

## X'sibna

**Regolarità tat-tranżazzjonijiet**

| Ammont awditjat | Kien milqut minn żball materjali? |
| --- | --- |
| EUR 250.6 biljun | Le – ħieles minn żball materjali fl-2024 |

**Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern**

L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali. Is-sistemi ta' dħul li eżaminajna kienu, b'mod ġenerali, effettivi. Madankollu, xi elementi tas-sistemi ta' kontroll għall-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT u l-punti miftuħa tar-RPT kienu parzjalment effettivi. Barra minn hekk, l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-riżervi tal-ING u r-rappurtar ta' *data* dwar ir-riżorsa proprja tal-plastik, kif ukoll xi elementi tal-kontrolli interni ewlenin tar-RPT li vvalutajna fi tliet Stati Membri, kienu parzjalment effettivi.

Aħna nnutajna tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' riżervi tal-VAT pendenti u ta' punti miftuħa tar-RPT. Madankollu, xi wħud minnhom ilhom mhux solvuti għal aktar minn 5 snin.

Filwaqt li l-Kummissjoni lestiet iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING għall-perjodu 2020–2024 kif ippjanat, aħna sibna li xi Stati Membri ma jipprovdux l-informazzjoni meħtieġa fir-rigward tar-riżervi pendenti fil-ħin.

Innutajna li xi Stati Membri jipprovdu *data* dwar il-plastik ikkumpilata abbażi ta' metodu wieħed biss. Ħafna minn dawk li jipprovdu *data* kkalkulata b'żewġ metodi ma jibbilanċjawx ir-riżultati. Dan mhuwiex konformi mar-regoli tal-UE. Il-verifikazzjoni tad-*data* mill-Kummissjoni għadha għaddejja, u r-riżervi li tqiegħdu jkopru ż-żewġ metodi ta' kumpilazzjoni b'mod partikolari.

Aħna sibna dgħufijiet fil-ġestjoni u l-kontabbiltà tar-RPT fit-tliet Stati Membri li żorna. Il-Kummissjoni għadha taqbad u tirrapporta dgħufijiet simili f'ħafna Stati Membri.

**Problemi oħra**

Sibna wkoll li kien hemm riskji għall-implimentazzjoni f'waqtha tar-riforma doganali u li l-ewwel rapport ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tar-riforma tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ma kienx jinkludi l-impatt tagħha fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri. Dawn il-problemi ma jolqtux l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar ir-regolarità tad-dħul, billi mhumiex relatati direttament mat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

Sakemm ir-riforma doganali tiġi adottata u implimentata, id-dgħufijiet li identifikajna qabel se jippersistu. Aħna nnutajna li minkejja l-iskala u l-kumplessità tal-proġett, il-Kummissjoni ma kinitx żviluppat pjan biex tħejji l-implimentazzjoni tar-riforma.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tintensifika l-azzjonijiet tagħha biex tara li żgur ikun hemm implimentazzjoni f'waqtha tar-riforma doganali, ladarba din tiġi adottata, billi tiżviluppa pjan li jipprovdi skedi ta' żmien dettaljati u talloka responsabbiltajiet biex jiġi mmonitorjat il-progress:

- għall-istabbiliment u l-operat inizjali tal-Awtorità Doganali tal-UE sakemm l-Awtorità Doganali tal-UE jkollha l-kapaċità operazzjonali biex timplimenta l-baġit tagħha stess;
- għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-Pjattaforma tad-*Data* Doganali tal-UE.




*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 4 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

## Suq uniku, innovazzjoni u diġitali

**Total: EUR 25.9 biljun** **(13.5 % tan-nefqa baġitarja tal-UE)**

### X'awditjajna

Il-programmi ffinanzjati taħt il-QFP 1 "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" huma diversi u għandhom l-għan li jiffinanzjaw proġetti li jikkontribwixxu għal, fost affarijiet oħra, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-Infrastruttura Ewropea fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali, il-komunikazzjoni, it-trasformazzjoni diġitali u s-suq uniku, kif ukoll il-politika dwar l-ispazju.

Il-programmi prinċipali għar-riċerka u l-innovazzjoni huma Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021–2027 u l-predeċessur tiegħu Orizzont 2020 (H2020) għall-perjodu 2014–2020. Fl-2024, dan tal-aħħar kien jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor żewġ terzi tat-tranżazzjonijiet ta' riċerka li awditjajna.

Il-QFP 1 jiffinanzja wkoll proġetti ta' infrastruttura bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), il-fond InvestEU u l-programmi spazjali, inkluż Galileo (is-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE), is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS), u Copernicus, li huwa l-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja.

### Figura 15 — Pagamenti

*(EUR biljun)*

**Diżagregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont il-fond**




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Għall-2022, EUR 19-il biljun kienu suġġetti għall-awditjar f'dan il-qasam. Il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq il-programmi taħt din l-intestatura tiġi mmaniġġjata direttament mill-Kummissjoni, u wkoll permezz ta' aġenziji eżekuttivi. Il-partijiet li jifdal tal-baġit taħt l-intestatura tal-QFP 1 huma implimentati minn impriżi konġunti u aġenziji deċentralizzati. Il-biċċa l-kbira mill-infiq fuq ir-riċerka taħt il-programmi Orizzont u taħt il-FNE tieħu l-għamla ta' għotjiet li jingħataw lil benefiċjarji pubbliċi jew privati li jkunu qed jipparteċipaw fi proġetti. Il-Kummissjoni inizjalment tipprovdi prefinanzjament lil benefiċjarji mal-firma ta' ftehim ta' għotja. Fil-każ ta' għotjiet li jirrimborżaw il-kost reali, li huma l-aktar tip komuni ta' finanzjament fir-riċerka, il-benefiċjarji jirrappurtaw il-kostijiet reali tagħhom u jingħataw rimborż kif meħtieġ. Meta jingħataw għotjiet ta' somom f'daqqa, il-benefiċjarji jitħallsu somma f'daqqa ddefinita minn qabel għal kull pakkett ta' xogħol li jkun tlesta, irrispettivament mill-kostijiet reali mġarrba; jiġifieri l-appoġġ finanzjarju jiġi żborżat malli jitlestew il-pakketti ta' xogħol.

Il-programmi spazjali huma ġeneralment immaniġġjati indirettament minn korpi tal-implimentazzjoni dedikati (bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali), li jingħataw rimborż abbażi tan-nefqa reali tagħhom fuq il-programmi. Strumenti finanzjarji (jiġifieri self, garanziji u investimenti fl-ekwità) taħt il-programm InvestEU jiġu implimentati prinċipalment mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew mill-Fond Ewropew tal-Investiment, li min-naħa tagħhom jużaw intermedjarji finanzjarji.

## X'sibna

**Regolarità tat-tranżazzjonijiet**

| Ammont li kien suġġett għall-awditjar | Kien milqut minn żball materjali? | Stima tal-livell tal-iżball l-aktar probabbli? |
|---|---|---|
| EUR 19-il biljun | Iva | 3.2 % (2023: 3.3 %) |

B'mod kumplessiv, aħna nistmaw li l-livell ta' żball f'"Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" huwa materjali. Fl-2024, 32 (25 %) tal-127 tranżazzjoni li eżaminajna kien fihom żbalji. Abbażi ta' dawn ir-riżultati u l-iżbalji addizzjonali li nqabdu fi tranżazzjonijiet li ġew implimentati mill-aġenziji tal-UE, l-impriżi konġunti u mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 3.2 % (ara l-*Figura 16*).

## Figura 16 — Impatt stmat ta' żbalji kwantifikabbli




*Sors:* il-QEA.

Ir-riċerka għadha programm ta’ nfiq b’riskju għoli. Sibna żbalji kwantifikabbli f’26 mid-99 tranżazzjoni ta’ riċerka awditjati bħala parti mill-kampjun rappreżentattiv tagħna (26 %). Għadd kbir minnhom jikkonċernaw il-kostijiet tal-persunal. L-awditu li wettaqna ma sab l-ebda differenza sinifikanti bejn Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa fir-rigward tar-regolarità tan-nefqa. Dan minkejja li ġew introdotti simplifikazzjonijiet taħt din tal-aħħar biex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar tal-kostijiet tal-benefiċjarji. Fil-każ ta’ programmi u attivitajiet oħra, aħna qbadna żbalji kwantifikabbli fi tnejn mit-28 tranżazzjoni fil-kampjun tagħna (it-tnejn relatati mal-FNE).

**Simplifikazzjoni permezz ta’ finanzjament b’somom f’daqqa**

Taħt Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni tista’ tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju għal proġetti ta’ riċerka fil-forma ta’ għotjiet ta’ somom f’daqqa, jekk din l-għażla tkun speċifikata fil-programmi ta’ ħidma jew fis-sejħa għal proposti. Il-finanzjament b’somom f’daqqa huwa għażla ta’ kostijiet simplifikati prevista fl-Artikolu 125 tar-Regolament Finanzjarju li tirrikjedi li jiġu pprovduti stimi tal-kostijiet dettaljati bil-quddiem għal kull kategorija ta’ kostijiet għal kull benefiċjarju u kull pakkett ta’ xogħol. Qabel ma jiffirmaw il-ftehim ta’ għotja, l-esperti kkuntrattati mill-Kummissjoni jivvalutaw l-istimi tal-kostijiet bi tqabbil mal-attivitajiet proposti biex jaraw li dawn żgur ikunu raġonevoli u mhux eċċessivi. Il-Kummissjoni mbagħad tħallas l-ammont tal-għotja bil-kundizzjoni li jkun hemm implimentazzjoni xierqa tal-pakketti ta’ xogħol, kif ivvalutat mill-esperti.

Sal-2027, il-Kummissjoni beħsiebha timplimenta mill-inqas 50 % tal-baġit (allokat għal sejħiet) taħt Orizzont Ewropa fil-forma ta’ finanzjament b’somma f’daqqa unika. Madankollu, sal-lum, l-għoti ta’ tali finanzjament kien limitat, u jirrappreżenta biss madwar 15 % tal-għotjiet kollha ffirmati fl-2024. Għalhekk, aħna awditjajna tranżazzjoni waħda biss ta’ somma f’daqqa din is-sena, u rrappurtajna sejba mhux kwantifikabbli dwar l-istima tal-kostijiet għat-tagħmir fil-proposta tal-baġit. Nistennew li l-finanzjament b’somom f’daqqa jsir gradwalment aktar rifless fil-kampjun tagħna fis-snin li ġejjin.

**Rieżaminar tal-ġestjoni, imwettqa mill-Kummissjoni, tal-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi fir-riċerka**

Taħt il-programmi ta’ riċerka, l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi jintuża biex jipprovdi appoġġ lil proġetti u entitajiet ġeneralment iżgħar. Il-Kummissjoni, flimkien mal-aġenziji eżekuttivi, tidħol fi ftehimiet ta’ għotja ma’ benefiċjarju wieħed jew aktar li jaġixxu bħala forma ta’ korpi ta’ implimentazzjoni, billi tipprovdi għotjiet lil partijiet terzi. L-ammont massimu li parti terza tista’ tirċievi permezz ta’ dan it-tip ta’ finanzjament huwa ta’ EUR 60 000. Aħna eżaminajna l-11-il tranżazzjoni li kienu fil-kampjuni tal-QFP 1 tagħna għall-2023 u l-2024.

L-awditi li wettaqna wrew li s-soll ta’ EUR 60 000 kien inqabeż f’9 minn dawn il-11-il każ fin-nuqqas ta’ ġustifikazzjoni xierqa għal deroga fil-programm ta’ ħidma jew fis-sejħa. Dan mhuwiex konformi mar-rekwiżiti legali. Fi 3 biss mill-11-il każ ġew inklużi — taħt il-ftehimiet konklużi bejn il-benefiċjarji u partijiet terzi — l-obbligi kollha meħtieġa skont il-ftehimiet ta’ għotja tal-UE. F’żewġ każijiet oħra, xi wħud minnhom ġew inklużi, iżda fis-sitt każijiet li jifdal dawn l-obbligi kollha kienu tħallew barra mill-kundizzjonijiet kuntrattwali.

Barra minn hekk, sibna li l-benefiċjarji fdati mill-Kummissjoni biex jimmaniġġjaw l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi mhumiex meħtieġa juru l-effettività tal-kontrolli tagħhom biex jiżguraw ir-regolarità tal-infiq tal-UE. Aħna nqisu li dan joħloq riskju partikolari għall-ġestjoni finanzjarja tajba u għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-UE.

**Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza**

Irrieżaminajna l-informazzjoni fl-AMPR 2024 tal-Kummissjoni rigward ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament għall-QFP1 f'rata ta' 1.6 %. Dan il-perċentwal jinsab fil-limitu inferjuri tal-firxa indikata minna tal-livell ta' żball stmat, kif kien il-każ għall-biċċa l-kbira mis-snin, u huwa taħt is-soll ta' materjalità.

Billi l-kampanji tal-awditjar *ex post* għal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali tnedew fit-tieni nofs tal-2024, l-ebda rata ta' żball misjuba għadha mhija disponibbli għal dawn il-programmi. Għalhekk, id-DĠ CNECT u l-ERCEA użaw il-mira tagħhom ta' mhux aktar minn 2 % għar-rata tal-iżball residwu għal dawn il-programmi bħala r-rata ta' żball stmata. Aħna nqisu wkoll li r-rapporti annwali tal-attività tagħhom taw valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata n-nefqa taħt il-QFP 1.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' għotjiet ta' somom f'daqqa bil-għan li tipprovdi input għall-użu futur ta' finanzjament ta' somom f'daqqa; u
- ittejjeb il-ġestjoni tal-appoġġ finanzjarju mogħti lil partijiet terzi.



*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 5 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

## Koeżjoni, reżiljenza u valuri

**Total: EUR 61.4 biljun** **(32.1 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)**

### X'awditjajna

L-infiq taħt din l-intestatura jiffoka fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni differenti tal-UE (is-Subintestatura 2a), kif ukoll fuq azzjonijiet li jappoġġaw u jipproteġu l-valuri tal-UE, biex b'hekk l-UE ssir aktar reżiljenti għall-isfidi tal-preżent u għal dawk tal-futur (is-Subintestatura 2b). Il-***Figura 17*** tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2024.

### Figura 17 — Pagamenti

*(EUR biljun)*

**Diżaggregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont il-fond**




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Il-popolazzjoni li awditjajna għal din l-intestatura tal-QFP kienet tikkonsisti f'nefqa inkluża fil-kontijiet aċċettati fl-2024 mill-Kummissjoni. L-approċċ tagħna huwa li nittestjaw tranżazzjonijiet li għalihom, skont il-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri suppost ikunu implimentaw l-azzjonijiet rilevanti kollha biex jikkoreġu l-iżbalji li huma stess ikunu identifikaw.

Il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/il-Fond ta' Koeżjoni (FEŻR/FK) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), huma implimentati taħt ġestjoni kondiviża. L-Intestatura 2 tal-QFP tkopri wkoll il-finanzjament mill-UE permezz ta' programmi jew azzjonijiet li huma mmaniġġjati jew direttament mid-direttorati ġenerali *(DĠ)* tal-Kummissjoni (inkluż permezz ta' aġenziji eżekuttivi tal-UE) jew inkella indirettament bl-appoġġ ta' organizzazzjonijiet sħab jew awtoritajiet oħra bħall-aġenziji nazzjonali tal-Erasmus+[25].

[25] Id-DĠ COMM, id-DĠ DIGIT, id-DĠ EMPL, id-DĠ REGIO, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), l-*Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA)*, u l-*Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA)* fir-rigward tan-nefqa fil-popolazzjoni li awditjajna għall-2024.

## X'sibna

| Ammont li kien suġġett għall-awditjar | Kien milqut minn żball materjali? | Stima tal-livell tal-iżball l-aktar probabbli |
|---|---|---|
| EUR 55.2 biljun | Iva | 5.7 % (2023: 9.3 %) |

Għall-2024, l-istima tagħna tar-rata ta' żball għall-Intestatura 2 tal-QFP hija għal darba oħra ogħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 % f'livell ta' 5.7 %. Dan huwa bbażat fuq l-awditu li wettaqna ta' 223 tranżazzjoni, li fihom identifikajna u kkwantifikajna 44 żball (49 żball għal kampjun ta' 238 tranżazzjoni fl-2023) li ma kinux inqabdu jew, jekk kienu nqabdu, ma kinux ġew ikkoreġuti b'mod suffiċjenti mill-awtoritajiet tal-awditjar. L-istima tagħna tinkludi wkoll is-sejbiet tal-awtoritajiet tal-awditjar, li rrappurtaw 47 żball (52 fl-2023) fl-istess tranżazzjonijiet. Biex wasalna għall-istima tagħna, ħadna kont tal-korrezzjonijiet applikati mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi (valur totali ta' EUR 248.5 miljun).

### Figura 18 – Impatt stmat tal-iżbalji kwantifikabbli




*Sors:* il-QEA.

Il-*Figura 19* turi l-kontribut għar-rata ta' żball totali tal-44 żball kwantifikabbli li sibna minbarra dawk li nqabdu jew li ma ġewx ikkoreġuti b'mod suffiċjenti mill-awtoritajiet tal-awditjar għall-istess tranżazzjonijiet.

## Figura 19 — Kontribut tal-iżbalji li sibna għar-rata ta' żball kumplessiva




**pp**: punti perċentwali

*Sors:* il-QEA.

**Ġestjoni kondiviża**

Il-**kostijiet ineliġibbli** huma l-aktar żball frekwenti misjub mill-awtoritajiet tal-awditjar. Aħna sibna 24 każ ta' kostijiet ineliġibbli li ma kinux inqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar, minkejja li dawn kienu ċċekkjaw l-istess tranżazzjonijiet. Il-kaġunijiet prinċipali tal-ineliġibbiltà kienu nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-ftehim ta' finanzjament u żbalji fil-kalkolu tal-kostijiet.

Fil-kampjun tagħna 12-il tranżazzjoni kienu jikkonċernaw ix-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19 u mediċina. Bħala parti minn xogħolna fuq dawn it-tranżazzjonijiet, awditjajna wkoll il-proċeduri ta' akkwist li l-Kummissjoni kienet wettqet f'isem l-Istati Membri biex tikkonkludi ftehimiet ta' xiri. Identifikajna diversi problemi, bħal dokumentazzjoni insuffiċjenti tan-negozjati mal-fornituri dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti, inklużi l-prezz u l-għadd ta' dożi. F'konformità mal-metodoloġija tagħna[26], ma kkwantifikajniex dawn l-irregolaritajiet. Ninnutaw li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Mejju 2025[27] dwar l-aċċess pubbliku għal ċerti dokumenti fil-kuntest tal-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19, fakkret dwar ir-rekwiżit tat-trasparenza, li jobbliga lill-istituzzjonijiet ifasslu u jżommu dokumenti rigward l-attivitajiet tagħhom b'manjiera mhux arbitrarja u prevedibbli, u ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet naqset milli twettaq obbligi ta' amministrazzjoni tajba.

---

[26] Quantification of public procurement errors tal-QEA.

[27] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Mejju 2025, *Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni*, T-36/23, ECLI:EU:T:2025:483, b'mod partikolari l-paragrafi 59 u 85.

Identifikajna tliet **proġetti kompletament ineliġibbli**, tnejn fl-Ungerija, wieħed fiċ-Ċekja u proġett wieħed parzjalment ineliġibbli fil-Portugall, li ngħataw għajnuna għalkemm ma kinux jissodisfaw il-kriterji tas-sejħiet għal proposti relatati.

Fi 15-il proċedura li awditjajna, identifikajna każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar **l-akkwist pubbliku** tal-UE jew dawk nazzjonali fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Franza, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fir-Renju Unit, kif ukoll fil-livell tal-Kummissjoni rigward l-akkwist pubbliku għall-vaċċini kontra l-COVID-19 u l-mediċina. Aħna kkwantifikajna tliet każijiet, inkluż każ wieħed minħabba li l-benefiċjarju naqas milli jwettaq konsultazzjoni tas-suq. Ma kkwantifikajniex 12 mill-15-il każ, billi skont il-metodoloġija tagħna ma kellhom l-ebda impatt dirett fuq il-pagament li sar.

Identifikajna erba' proġetti li kisru r-regoli tal-UE dwar **l-għajnuna mill-Istat**, tnejn fil-Ġermanja, wieħed fil-Polonja u wieħed fin-Netherlands. Għal wieħed mill-każijiet fil-Ġermanja l-għajnuna mogħtija qabżet l-intensità permessa tal-għajnuna.

Il-benefiċjarji u l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi huma meħtieġa jżommu rendikont tal-entrati adegwat. Sibna li l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni ta' sostenn ma kinux disponibbli fi tmienja mit-tranżazzjonijiet li eżaminajna. Aħna nikkwantifikaw sitta minn dawn minħabba li la l-awtoritajiet inkarigati mill-programmi u lanqas il-benefiċjarji ma setgħu jipprovdu **dokumenti essenzjali** li juru l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. F'wieħed mis-sitt każijiet fin-Netherlands, l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza ma ġiex ippruvat.

**Strumenti Finanzjarji**

L-istrumenti finanzjarji huma forma rimborżabbli ta' appoġġ. Mit-8 tranżazzjonijiet li jkopru 83 riċevitur finali u 2 tariffi ta' ġestjoni li awditjajna, sibna 6 riċevituri finali li rċevew appoġġ minkejja li jew kienu investew f'settur ekonomiku ineliġibbli jew inkella ma kinux konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà (4 fil-Ġermanja, 1 fil-Greċja u 1 fl-Ungerija).

**Tranżazzjonijiet mmaniġġjati direttament jew indirettament mill-Kummissjoni**

Sibna erba' żbalji fejn il-Kummissjoni appoġġat proġetti direttament permezz tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA), u l-BEI, li kkwantifikajna. Għal proġett wieħed kofinanzjat mill-Kummissjoni (EACEA), il-kostijiet tal-persunal iddikjarati kienu qed jiksru l-ftehim ta' għotja. Qbadna wkoll kostijiet ineliġibbli li kienu jinkludu kostijiet tal-persunal li kienu ġew iddikjarati b'mod eċċessiv f'azzjoni ffinanzjata taħt Erasmus+ fil-Greċja u fil-Portugall. Il-każijiet kwantifikati totali taħt ġestjoni diretta u indiretta jammontaw għal madwar 0.7 punt perċentwali tal-livell ta' żball stmat minna.

**Ġestjoni finanzjarja tajba**

Il-baġit tal-UE jrid jiġi implimentat b'mod legali u regolari, kif ukoll skont il-ġestjoni finanzjarja tajba, li tinkludi l-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività. Ir-RDK[28] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw dawn il-prinċipji meta jimplimentaw il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni. Xogħolna identifika sitt każijiet fejn dawn il-prinċipji ma kinux ġew rispettati: wieħed fiċ-Ċekja, tlieta fl-Italja u tnejn fil-Polonja. Fi tnejn mill-każijiet fl-Italja, li jikkonċernaw proġetti tal-FEŻR, il-ponderazzjoni baxxa mogħtija lill-kriterju tal-prezz fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku tagħmilha improbabbli li jinkiseb valur għall-flus.

**Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar**

Ivvalutajna x-xogħol ta' 22 minn total ta' 119-il awtorità tal-awditjar fi 15-il Stat Membru u fir-Renju Unit. Il-kampjun tagħna kien jinkludi 30 pakkett ta' aċċertament taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Ħlief għal każ wieħed, l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw lill-Kummissjoni rata tal-iżball residwu daqs, jew taħt, it-2 %. B'kont meħud tal-iżbalji li nqabdu mill-Kummissjoni u tas-sejbiet tal-awditjar proprji tagħna, ix-xogħol li wettaqna fuq il-kampjun ta' din is-sena juri li r-rata tal-iżball residwu kienet ogħla minn 2 % f'16 mit-30 pakkett ta' aċċertament awditjati. L-iżbalji li sibna setgħu, u kellhom, jinqabdu mill-awtoritajiet tal-awditjar meta wettqu l-verifiki tagħhom. Dan inaqqas il-punt sa fejn il-Kummissjoni tista' sserraħ fuq ir-riżultati ta' xogħolhom.

Mill-2017 'il hawn, aħna kklassifikajna l-iżbalji bħala kwantifikabbli f'69 mill-110 pakketti ta' aċċertament li awditjajna mill-inqas darba. Nosservaw li l-proporzjon ta' pakketti ta' aċċertament b'rati tal-iżball residwu ogħla minn 2 % ma niżilx taħt id-39 % tan-nefqa fil-kampjuni tagħna. Dan jindika li għad hemm nuqqasijiet fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar li mhumiex indirizzati biżżejjed mix-xogħol ta' aċċertament tal-Kummissjoni.

**Ix-xogħol ta' aċċertament tal-Kummissjoni u r-rappurtar fir-rapporti annwali tal-attività tagħha**

B'mod ġenerali, fir-RAA tiegħu, id-DĠ REGIO kkonkluda li kien għad hemm livell materjali ta' nefqa irregolari fil-kontijiet aċċettati tal-2024 għall-FEŻR/FK, minkejja r-riżultati tal-kontrolli u l-korrezzjonijiet diġà applikati fil-livell tal-Istati Membri. Id-DĠ EMPL ikkonkluda l-istess għall-FSE/YEI u għall-FEAD.

Bħalma ġie ddikjarat fir-rapport analitiku tagħna dwar il-qafas tal-aċċertament fil-qasam tal-koeżjoni, inqisu li l-Kummissjoni tistma l-livell ta' żball b'mod insuffiċjenti, għalkemm taqbel mal-konklużjoni ġenerali tagħna li l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni huwa milqut materjalment minn żbalji.

F'xogħolna din is-sena, aħna identifikajna nuqqasijiet fl-ippjanar u fit-tħejjija tax-xogħol tal-awditjar tal-awtoritajiet, bħal dgħufijiet fl-approċċi ta' teħid ta' kampjuni u listi ta' kontroll mhux kompluti. Sibna każ ta' programm operazzjonali fl-Ungerija li kien suġġett għal korrezzjoni b'rata fissa li għalih l-awtorità tal-awditjar għal darba oħra ma vverifikatx jekk il-kostijiet kinux legali u regolari meta applikat il-korrezzjoni maqbula mal-Kummissjoni.

---

[28] L-Artikolu 125 tar-RDK.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- tara li żgur l-awtoritajiet tal-awditjar iqawwu l-kapaċità tagħhom ta' kontroll u detezzjoni billi jvverifikaw li huma (a) jippjanaw il-kampjunar b'mod xieraq;(b) jikkonfermaw li l-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà hija ppruvata; u (c) iżommu dokumentazzjoni xierqa bħala appoġġ għar-rendikont tal-entrati.

- tara li żgur, meta jkunu nqabdu dgħufijiet sistematiċi fi programmi (operazzjonali) u tkun ġiet imposta rata fissa, li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jużawx il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni b'rata fissa biex jevitaw ir-responsabbiltà tagħhom li jiċċekkjaw l-eliġibbiltà tan-nefqa qabel ma jiddikjarawha lill-Kummissjoni, u tagħmel irkupri individwali kif meħtieġ.



*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 6 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Riżorsi naturali

## Total: EUR 64.4 biljun (33.7 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)

### X'awditjajna

Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), "Riżorsi naturali u ambjent". Il-*Figura 20* tagħti stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt din l-intestatura fl-2024.

### Figura 20 — Pagamenti

**Riżorsi Naturali u Ambjent**
**EUR 64.4 biljun (33.7 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)**

**Diżaggregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont il-fond**

*(EUR biljun)*




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għall-2024.

Fl-2024, il-politika agrikola komuni (PAK) kienet tirrappreżenta s-sehem prinċipali (87.2 %) tal-infiq tal-UE fuq il-QFP 3. Il-PAK għandha tliet objettivi ġenerali għall-perjodu 2023–2027[29]:

- Li jitrawwem settur agrikolu intelliġenti, kompetittiv, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel fit-tul;
- Li jappoġġa u jsaħħaħ il-ħarsien tal-ambjent, inkluża l-bijodiversità, u l-azzjoni klimatika;
- Li tissaħħaħ in-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali.

[29] L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK).

L-Intestatura 3 tal-QFP tinkludi wkoll il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), li ġie stabbilit għall-perjodu 2021–2027 biex jappoġġa lir-reġjuni u lin-nies milquta mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika (9.7 % tal-pagamenti taħt din l-intestatura). Kważi l-pagamenti kollha mill-JTF fl-2024 kienu prefinanzjament mhux approvat, li aħna ma ninkludux fil-popolazzjoni li awditjajna.

Din l-intestatura tal-QFP tkopri wkoll l-infiq tal-UE taħt il-politika marittima u tas-sajd iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE), u l-programm LIFE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorati Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV), għall-Azzjoni Klimatika (DĠ CLIMA) u għall-Enerġija (DĠ ENER).

## X'sibna

**Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet**

| Ammont li kien suġġett għall-awditjar | Kien milqut minn żball materjali? | Stima tal-livell tal-iżball l-aktar probabbli |
|---|---|---|
| EUR 64.4 biljun | Iva | 2.6 % (2023: 2.2 %) |

Mill-228 tranżazzjoni li ġew eżaminati, 39 (17 %) kien fihom żbalji. Abbażi tat-22 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 2.6 %. Ara l-*Figura 21*.

## Figura 21 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet




*Sors:* il-QEA.

Il-*Figura 22* tagħti diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2024, skont il-kategorija ta' żball.

## Figura 22 — Il-biċċa l-kbira mil-livell ta' żball stmat huwa relatat ma' żbalji amministrattivi




*Sors:* il-QEA.

Ir-riżultati tagħna jindikaw li l-livell ta' żball ma kienx materjali għall-pagamenti diretti (esklużi l-ekoskemi), li jirrappreżentaw 46 % tal-infiq taħt din l-intestatura tal-QFP iżda li kien materjali għall-oqsma l-oħra ta' nfiq kollha kemm huma (ekoskemi, żvilupp rurali, miżuri tas-suq, affarijiet marittimi, sajd, ambjent u azzjoni klimatika), li jirrappreżenta 54 % tal-infiq.

**Pagamenti diretti**

Fil-65 tranżazzjoni ta' pagament dirett (esklużi l-ekoskemi) ittestjati, aħna sibna 3 żbalji kwantifikabbli: 2 dikjarazzjonijiet eċċessivi tal-erja jew tal-għadd ta' annimali taħt l-intervent ta' appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, u pagament ta' appoġġ li ma kienx dovut taħt l-iskema POSEI għar-reġjuni ultraperiferiċi[30].

Fil-35 tranżazzjoni tal-ekoskemi, sibna 8 żbalji kwantifikabbli. Ħamsa minnhom kienu fil-livell tal-benefiċjarju finali, inklużi tnejn għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-erja, tnejn għal nuqqas ta' konformità mal-impenn tal-ekoskemi jew applikazzjoni skorretta tar-regoli, u benefiċjarju ineliġibbli wieħed. Tliet żbalji kienu fil-livell tal-awtorità maniġerjali, kollha dovuti għal qafas legali li għandu nuqqasijiet jew applikazzjoni skorretta tar-regoli, li juri l-kumplessità ġenerali tal-ekoskemi fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni.

[30] Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI). Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

**L-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq u oqsma oħra ta' politika**

Hawn taħt hemm lista tat-tranżazzjonijiet li eżaminajna u l-iżbalji li kkwantifikajna:

- Fil-41 tranżazzjoni ta' żvilupp rurali relatati maż-żona jew mal-annimali li ttestjajna, 2 kien fihom żbalji kwantifikabbli: waħda relatata mad-dikjarazzjoni żejda taż-żona eliġibbli, u l-oħra man-nuqqas ta' konformità mat-trattament xieraq tal-annimali f'razzett tal-ħnieżer.
- Eżaminajna 63 pagament għall-iżvilupp rurali għal proġetti ta' investiment. Ikkwantifikajna żbalji f'sitt pagamenti, li rriżultaw minn benefiċjarji li ddikjaraw nefqa jew attivitajiet li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. F'każ wieħed, l-iżball irriżulta minn bidwi li naqas milli jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jirċievi appoġġ għal investiment mhux produttiv.
- Fl-14-il tranżazzjoni tal-miżuri tas-suq ittestjati, aħna kkwantifikajna żbalji f'2 każijiet.
- Għall-oqsma tal-affarijiet marittimi, is-sajd, u l-ambjent u l-azzjoni klimatika, aħna awditjajna 10 tranżazzjonijiet, u sibna żball kwantifikabbli wieħed fi tranżazzjoni li kienet taħt ġestjoni kondiviża taħt il-FEMSA.

**Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza**

Għall-2024, id-DĠ AGRI kkalkula l-"ammont stmat f'riskju fil-waqt tal-pagament" għal madwar 2.8 % ta' EUR 12.5-il biljun ta' nfiq barra mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, inkluż madwar 5.9 % għall-pagamenti diretti, 2.8 % għall-iżvilupp rurali u 2.0 % ta' EUR 2.1 biljun għall-miżuri tas-suq. Iċ-ċifra għall-pagamenti diretti mhijiex kumparabbli ma' dik tas-snin preċedenti billi fil-biċċa l-kbira hija relatata ma' appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi taħt l-iskema POSEI, li kien jirrappreżenta biss madwar 1.2 % tal-pagamenti diretti (EUR 0.5 biljun).

Għall-2024, id-DĠ AGRI għaqqad ir-riżultat tal-pagamenti bbażati fuq il-prestazzjoni u ta' dawk ibbażati fuq il-konformità u vvaluta 77 % tal-infiq taħt il-PAK bħala b'riskju baxx, 10 % bħala b'riskju medju, u 13 % bħala b'riskju għoli. Biex inqabblu, id-DĠ AGRI jipprovdi stima fir-RAA 2024 ta' 69 % għall-infiq taħt il-PAK b'riskju baxx għall-2023, meta l-"ammont stmat f'riskju fil-waqt tal-pagament" globali kien ta' 1.9 %.

**Ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR) tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni ma għadhiex tipprovdi stima tar-riskju fil-waqt tal-pagament għal "Riżorsi naturali" fl-AMPR tagħha, billi 23 % biss tal-intestatura hija koperta mill-oqfsa ta' konformità tad-DĠ AGRI, tad-DĠ MARE, tad-DĠ ENV u tad-DĠ CLIMA.

**Rieżami tas-sistemi l-ġodda ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni**

Abbażi tal-istħarriġ tagħna, sibna li s-sistemi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti kienu għadhom qed jiġu żviluppati fl-2024. Filwaqt li 18-il aġenzija tal-pagamenti kienu awtomatizzaw il-produzzjoni ta' indikaturi tal-prestazzjoni, 2 irrappurtaw li kienu qed jużaw approċċ manwali jew parzjalment awtomatizzat biex jipproduċu xi indikaturi ewlenin tal-output għall-APRs tagħhom tal-2024. Minħabba l-iżviluppi li jinsabu għaddejjin, is-sistemi tal-IT aġġornati għall-produzzjoni tal-APRs kienu għadhom ma sarilhomx ittestjar sħiħ biex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali tas-sigurtà tal-informazzjoni (ISO 27001).

Ir-riżultati tar-rieżami li wettaqna jissuġġerixxu li, fil-biċċa l-kbira, ir-rappurtar annwali dwar il-prestazzjoni ġie introdott kif ippjanat. Aħna ma identifikajna l-ebda problema bid-*data* rrappurtata. Fir-rigward tal-istabbiliment u l-fasla tas-sistemi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni, il-kriterji ta' akkreditazzjoni għall-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi ta' koordinazzjoni jkopru t-tħaddim tas-sistemi tal-IT. Dan jinkludi sistemi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni mfassla fi ħdan l-ambitu tagħhom. L-Istati Membri jridu jaraw li żgur hemm iċ-ċertifikazzjoni rilevanti tas-sistema għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u jaraw li dawk is-sistemi żgur jiffunzjonaw kif xieraq.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil ta' skemi inqas kumplessi mingħajr ma tikkomprometti l-ambizzjoni tagħhom, abbażi tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-iskemi inizjali tal-perjodu 2023–2027.



*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 7 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri, Sigurtà u difiża

**Total: EUR 5.5 biljun (2.9 % tan-nefqa baġitarja tal-UE)**

## X'awditjajna

Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 4 "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" u l-Intestatura 5 "Sigurtà u Difiża" tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Il-*Figura 23* u l-*Figura 24* jagħtu stampa ġenerali tal-attivitajiet u l-infiq prinċipali taħt dawn l-intestaturi fl-2024.

**Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri**

## Figura 23 — Pagamenti — Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri

*(EUR biljun)*

**Diżaggregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont il-fond**




(*) Aħna nirrappurtaw dwar pagamenti lil aġenziji deċentralizzati fir-rapport annwali tagħna dwar l-aġenziji tal-UE.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2024.

Parti sostanzjali mill-infiq taħt din l-intestatura fl-2024 kienet għadha tikkonċerna t-tlestija ta' proġetti u programmi pendenti mill-QFP 2014–2020, relatati mal-istralċ tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna — Strument għall-Fruntieri u l-Viża (FSI-BV). Dawn il-fondi issa għaddejjin mill-proċess ta' għeluq u ġew sostitwiti fil-QFP 2021–2027 mill-AMIF il-ġdid, u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI) tal-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

Qasam ta' nfiq sinifikanti ieħor għall-Intestatura 4 tal-QFP huwa l-finanzjament għall-aġenziji deċentralizzati (l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)).

**Sigurtà u difiża**

## Figura 24 — Pagamenti u difiża — Sigurtà u difiża

**Diżaggregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont il-fond/qasam ta' nfiq**

*(EUR biljun)*




(*) Aħna nirrappurtaw dwar pagamenti lil aġenziji deċentralizzati fir-rapport annwali tagħna dwar l-aġenziji tal-UE.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2024.

Il-komponent "sigurtà" jinkludi finanzjament mill-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) għall-perjodu 2021–2027 u t-tlestija ta' proġetti u skemi ffinanzjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna — Strument tal-Pulizija (FSI-P) għall-perjodu 2014–2020. Dan il-komponent jinkludi wkoll finanzjament għad-dekummissjonar nukleari fil-Bulgarija, il-Litwanja u s-Slovakkja, u finanzjament għall-aġenziji deċentralizzati tal-UE fil-qasam tas-sigurtà. Il-komponent tad-"difiża" jinkludi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) u l-Fond Ewropew għad-Difiża li jappoġġaw proġetti ta' difiża kollaborattivi fl-istadji kollha tar-riċerka u l-iżvilupp u li huma mmaniġġjati mid-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DĠ DEFIS) tal-Kummissjoni. Il-komponent jappoġġa wkoll il-mobbiltà militari permezz ta' baġit iddedikat fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li jirrigwarda l-adattament tat-taqsimiet tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport għal skopijiet ta' użu doppju ċivili-militari. Hemm ukoll proġetti speċifiċi ffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża marbuta mal-mobbiltà militari.

**Implimentazzjoni ta' programmi taħt ġestjoni kondiviża**

Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira mill-finanzjament taħt l-AMIF u l-FSI għall-perjodu 2014–2020 u l-biċċa l-kbira mill-finanzjament taħt l-AMIF, il-BMVI u l-FSI għall-perjodu 2021–2027 hija kondiviża bejn l-Istati Membri (jew l-erba' pajjiżi assoċjati ma' Schengen) u d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) tal-Kummissjoni. Skont dan l-arranġament, l-Istati Membri jimplimentaw programmi pluriennali li ġew approvati mill-Kummissjoni. Meqjusa kumulattivament, mill-2000 'il hawn l-Istati Membri żiedu l-implimentazzjoni tal-programmi għall-perjodu 2014–2020. Madankollu, għad irid jiġi approvat ammont materjali ta' finanzjament (12 % għall-AMIF u 16 % għall-FSI).

## X'sibna

**Regolarità tat-tranżazzjonijiet**

Mit-23 tranżazzjoni li eżaminajna, 8 kienu milquta minn żbalji. Ikkwantifikajna tlieta minn dawn l-iżbalji li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammonti ddebitati lill-baġit tal-UE. Dawn l-iżbalji kienu relatati ma' nefqa li ma seħħitx matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, finanzjament li ma ntużax għall-iskop intenzjonat, in-nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' sostenn, u tipi oħra ta' nefqa ineliġibbli.

Sibna wkoll seba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji. Dawn ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE. Dawn il-każijiet kienu relatati, pereżempju, ma' nuqqasijiet fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet, il-monitoraġġ tal-proġetti, finanzjament mill-UE li ma ntużax kollu għall-iskop intenzjonat, u defiċjenzi fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku.

Għalkemm ma kinux milquta minn żbalji ta' regolarità, fil-kampjun tagħna sibna wkoll żewġ tranżazzjonijiet li ma kinux konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Dawn kienu relatati ma' protezzjoni inadegwata ta' tagħmir iffinanzjat mill-UE u ma' rimborż tat-taxxa fuq il-valur miżjud lil korpi pubbliċi li kien ogħla mill-kostijiet imġarrba. It-tnejn li huma jmorru kontra l-gwida tal-Kummissjoni.

Xi organizzazzjonijiet internazzjonali naqqsu l-aċċess tagħna għad-dokumenti sal-livell ta' konsultazzjoni elettronika temporanja biss f'ambjent fejn stajna biss naraw id-dokumenti, mingħajr ma ttrasferewhomlna. Dan fixkel l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-awditu li wettaqna. Wara x-xogħol tal-awditjar u qabel ma ngħalaq l-awditu, l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha ħlief waħda eventwalment ippermettew li jitniżżlu d-dokumenti mitluba, iżda dan biss fuq bażi volontarja bħala parti minn proġett pilota. Għalhekk, aħna ma nqisux li din il-problema ġiet solvuta b'mod effettiv.

**Eżaminar ta' elementi tas-sistemi ta' kontroll intern**

Il-ħames awtoritajiet tal-awditjar li rrieżaminajna kienu żviluppaw u implimentaw proċeduri dettaljati u ta' kwalità suffiċjenti biex jirrappurtaw dwar ix-xogħol tagħhom fir-rapport annwali ta' kontroll. Madankollu, sibna li l-awtorità tal-awditjar Finlandiża ma wettqet l-ebda awditu tal-operazzjonijiet fuq in-nefqa ddikjarata fil-kontijiet annwali tal-AMIF. Minkejja li kienet konxja minn dan, il-Kummissjoni aċċettat l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar u ħallset il-bilanċ finali mingħajr proċedura kontradittorja. Aħna sibna wkoll li l-awtorità tal-awditjar Żvediża ma wettqet l-ebda xogħol tal-awditjar tas-sistemi għall-perjodu finanzjarju awditjat. B'riżultat ta' dan, filwaqt li ż-żewġ awtoritajiet tal-awditjar ħarġu opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati, il-komponenti ta' dawn l-opinjonijiet ma kinux appoġġati minn xogħol tal-awditjar suffiċjenti. Dan jirriskja li jillimita l-livell ta' aċċertament ipprovdut.

Aħna għażilna 14-il fajl tal-awditjar mill-istess 5 awtoritajiet tal-awditjar. B'mod ġenerali, aħna sibna li l-awtoritajiet tal-awditjar kellhom programmi tal-awditjar dettaljati u użaw listi ta' kontroll biex jappoġġaw il-konklużjonijiet tagħhom. Madankollu, qbadna xi nuqqasijiet.

**Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza**

Għas-sena finanzjarja 2024, irrieżaminajna r-RAA tad-DĠ HOME.

Sibna li l-istimi tad-DĠ HOME għar-riskju kumplessiv fil-waqt tal-pagament u fil-waqt tal-għeluq ġew ikkalkulati u rrappurtati skont il-metodoloġija interna. Min-nefqa totali fl-2024 (EUR 3 507.5 miljun), id-DĠ HOME stima li l-ammont totali f'riskju fil-waqt tal-pagament kien ta' EUR 44.6 miljun (1.3 %), u stma ċifra ta' EUR 41.0 miljun għar-riskju kumplessiv fil-waqt tal-għeluq li jirriżulta mill-korrezzjonijiet futuri stmati tiegħu ta' EUR 3.6 miljun.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- tkompli tieħu passi biex tara li l-organizzazzjonijiet internazzjonali żgur jipprovdu aċċess sħiħ għad-dokumenti;
- tkompli tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar ir-regoli applikabbli li jirregolaw is-sejħiet għal proposti; u
- issegwi n-nuqqasijiet li ġew identifikati fix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar.



*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 8 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Il-Viċinat u d-Dinja

## Total: EUR 15.4-il biljun (8.0 % tal-infiq baġitarju tal-UE)

### X'awditjajna

Dan il-qasam ta' nfiq jinkludi diversi strumenti ta' finanzjament, notevolment l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali ("NDICI-Ewropa Globali")[31], il-baġit għajnuna umanitarja, u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

### Figura 25 — Disaggregazzjoni tal-pagamenti għal kull fond

**Il-viċinat u d-dinja**
**EUR 15.4-il biljun (8.0 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)**

**Diżaggregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont il-fond** *(EUR biljun)*




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2024.

L-objettiv ġenerali tal-NDICI-Ewropa Globali huwa li jsostni u jippromwovi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi fundamentali tal-UE madwar id-dinja, u jgħin fil-promozzjoni ta' multilateraliżmu u ta' sħubijiet aktar b'saħħithom ma' pajjiżi mhux tal-UE. L-istrument NDICI – Ewropa Globali jġib miegħu 11-il strument preċedenti għall-QFP 2021–2027, bl-Istrument Ewropew ta' Viċinat u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp inklużi (il-FEŻ kienu barra mill-baġit tal-UE).

L-UE tipprovdi wkoll assistenza umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet lil persuni milquta minn diżastri kkawżati mill-bniedem u perikli naturali, b'fokus partikolari fuq dawk l-aktar vulnerabbli.

[31] Ir-Regolament (UE) 2021/947 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali.

L-objettiv ġenerali tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni huwa li jagħti appoġġ lill-pajjiżi benefiċjarji fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa għall-allinjament mal-valuri tal-UE bil-ħsieb ta' sħubija, u b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità tagħhom.

Id-Direttorati Ġenerali (DĠ) u s-servizzi prinċipali li jimplimentaw l-azzjoni esterna tal-UE fl-2024 kienu d-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR), id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA), id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO) u s-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI). Mill-1 ta' Frar 2025, id-DĠ NEAR inqasam f'żewġ DĠ separati: id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant (id-DĠ ENEST) u d-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf (id-DĠ MENA).

Fl-2024, il-pagamenti għal "Il-Viċinat u d-Dinja" ammontaw għal EUR 15.4-il biljun (pagamenti ta' prefinanzjament, *interim* u finali) u ġew żborżati bl-użu ta' diversi strumenti u metodi ta' twassil. Dawn jinkludu kuntratti ta' xogħlijiet/provvisti/servizzi, għotjiet, self speċjali, garanziji ta' self u assistenza finanzjarja, appoġġ baġitarju u forom immirati oħra ta' għajnuna baġitarja f'pajjiżi mhux tal-UE. Il-pagamenti totali taħt din l-intestatura żdiedu minn EUR 15.2-il biljun fl-2023 għal EUR 15.4-il biljun fl-2024.

## X'sibna

Għall-2024, mhux bħas-snin preċedenti, qed nipprovdu valutazzjoni speċifika tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-Intestatura 6 "Il-Viċinat u d-Dinja" tal-QFP. Mill-137 tranżazzjoni li eżaminajna, 56 (40.9 %) kien fihom żbalji. Abbażi tat-42 żball li kkwantifikajna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 4.9 %.

### Figura 26 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet




*Sors:* il-QEA.

Il-figura li ġejja tipprovdi diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat skont it-tip ta' żball:

## Figura 27 — Diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat, skont it-tip ta' żball




*Sors:* il-QEA.

Aħna identifikajna diversi tipi ta' żball, li laqtu bosta tranżazzjonijiet, li reġgħu seħħew matul bosta snin tal-awditjar. It-tipi prinċipali kienu:

- "kaskata" tal-kostijiet indiretti ddebitati lill-UE (jiġifieri l-kostijiet indiretti tal-organizzazzjonijiet inkarigati mis-sottoimplimentazzjoni jiġu rrappurtati bħala parti mill-kostijiet diretti tal-benefiċjarju, minbarra l-kostijiet indiretti diġà imposti mill-benefiċjarju). Għamilna rakkomandazzjoni dwar l-istruttura kaskata ta' implimentazzjoni fir-rapport speċjali tagħna dwar is-sistemi tas-saħħa fil-pajjiżi msieħba[32];
- inklużjoni ta' kostijiet ineliġibbli tal-pagi, bħal dispożizzjonijiet u kostijiet indiretti;
- applikazzjoni ta' rati tal-kambju skorretti;
- nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku; u
- approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem mitlubin bħala kostijiet imġarrba.

[32] Ir-Rapport Speċjali 18/24: "Appoġġ finanzjarju mill-UE għas-sistemi tas-saħħa f'pajjiżi sħab magħżula — Ġew segwiti objettivi strateġiċi wiesgħa, iżda l-interventi kienu milquta minn problemi ta' koordinazzjoni u sostenibbiltà", ir-Rakkomandazzjoni 4.

Bħal fi snin preċedenti, proporzjon kbir tal-iżbalji li identifikajna kienu jikkonċernaw kuntratti implimentati minn organizzazzjonijiet ivvalutati skont il-pilastru (organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u aġenziji tal-Istat) taħt ġestjoni indiretta. Għal kuntratti ta' dan it-tip, il-Kummissjoni aċċettat in-nefqa abbażi ta' rapport finanzjarju u dikjarazzjoni ta' ġestjoni. Din tal-aħħar hija awtodikjarazzjoni mill-organizzazzjoni vvalutata skont il-pilastru li tiċċertifika li l-informazzjoni finanzjarja mressqa hija ppreżentata kif suppost, kompleta u preċiża, u f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-kuntratt. Mit-42 żball li kkwantifikajna, 26 kienu jirrigwardaw kuntratti ta' dan it-tip, u kkontribwew 3.1 punti perċentwali għal-livell ta' żball stmat.

F'10 każijiet ta' żball kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha informazzjoni suffiċjenti biex tipprevieni, jew biex taqbad u tikkoreġi, l-iżball qabel ma taċċetta n-nefqa. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'1.4 punt perċentwali.

Sibna wkoll 34 każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, għalkemm ma kellhom l-ebda impatt finanzjarju dirett fuq il-baġit tal-UE.

**Rapporti annwali tal-attività u arranġamenti oħra ta' governanza**

Aħna rrieżaminajna r-RAA tad-DĠ ECHO għas-sena finanzjarja 2024. Iffukajna fuq jekk id-DĠ ECHO kienx ippreżenta l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-RAA tiegħu skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u jekk kienx konsistenti meta applika l-metodoloġija biex jiġu stmati l-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri. Min-nefqa totali aċċettata fl-2024 (EUR 3 605 miljun), id-DĠ ECHO stma li l-ammont totali f'riskju fil-waqt tal-pagament kien ta' EUR 15.56-il miljun (0.43 %). Huwa stma li l-valur tal-korrezzjonijiet li rriżultaw mill-verifiki li wettaq fis-snin sussegwenti kien ta' EUR 3.5 miljun (0.1 % tan-nefqa rilevanti totali). Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECHO ddikjara li l-esponiment finanzjarju tad-DĠ kien taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % tan-nefqa aċċettata totali.

Ix-xogħol tagħna fuq ir-RAA 2024 tad-DĠ INTPA huwa ppreżentat fid-dettall fir-Rapport Annwali tagħna dwar id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

Irrieżaminajna l-informazzjoni li tinsab fl-AMPR 2024 tal-Kummissjoni rigward ir-riskju stmat fil-waqt tal-pagament fl-oqsma ta' politika taħt "Il-viċinat u d-dinja". Il-Kummissjoni kkalkulat riskju fil-waqt tal-pagament ta' 0.8 % għal din l-intestatura tal-QFP. Dan il-perċentwal huwa taħt il-firxa tal-intervall ta' fiduċja tagħna u taħt is-soll ta' materjalità.

L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna u ppreżentajna f'dan il-kapitolu tindika li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Il-Viċinat u d-Dinja" kien materjali. Għal din l-intestatura tal-QFP, l-ittestjar li wettaqna fuq it-tranżazzjonijiet ta livell kumplessiv ta' żball stmat ta' 4.9 %.

## X’nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- tara li l-benefiċjarji żgur jikkonformaw mal-limiti kuntrattwali fuq il-kostijiet ta’ natura indiretta;
- tara li żgur ikun hemm definizzjonijiet ċari u konsistenti ta’ “dispożizzjoni” fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt u fil-linji gwida; u
- tissimplifika u tistandardizza r-regoli dwar il-kambju tal-munita fil-ftehimiet ta’ għotja.



*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 9 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Amministrazzjoni pubblika Ewropea

**Total: EUR 13.3-il biljun** **(6.9 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)**

## X'awditjajna

Dan il-kapitolu jippreżenta s-sejbiet tagħna għall-Intestatura 7 "Amministrazzjoni pubblika Ewropea" tal-QFP. Il-*Figura 28* tagħti stampa ġenerali tal-infiq tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE taħt din l-intestatura fl-2024.

## Figura 28 — Pagamenti

**Amministrazzjoni pubblika Ewropea**
**EUR 13.3-il biljun (6.9 % tal-infiq tal-baġit tal-UE)**

**Diżaggregazzjoni tal-pagamenti tal-2024 skont l-istituzzjoni**

*(EUR biljun)*




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* mill-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2024.

In-nefqa amministrattiva tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani, inklużi l-pensjonijiet, li fl-2024 kienet tirrappreżenta madwar 69 % tat-total, u fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni u teknoloġija tal-informazzjoni. Ix-xogħol li wettaqna fuq medda ta' ħafna snin jindika li, b'mod ġenerali, dan l-infiq huwa ta' riskju baxx.

## X'sibna

| Ammont li kien suġġett għall-awditjar | Kien milqut minn żball materjali? |
| --- | --- |
| EUR 13.3-il biljun | Le — ħieles minn żball materjali (l-istess fl-2023) |

Mis-70 tranżazzjoni li eżaminajna, instab li 16 (23 %) kien fihom żbalji. L-osservazzjonijiet li għamilna jikkonċernaw il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Ma identifikajniex xi problemi sinifikanti li jikkonċernaw lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Ombudsman Ewropew jew lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-awditur estern tagħna stess ma rrappurtax problemi sinifikanti.

**Il-Parlament Ewropew**

Fl-2024 aħna eżaminajna 15-il tranżazzjoni. Bħalma konna rrappurtajna qabel, l-aktar reċenti fir-Rapport Annwali 2023 tagħna, ir-regoli interni[33] li l-Bureau tal-Parlament Ewropew adotta biex jimmaniġġja l-approprjazzjonijiet tal-gruppi politiċi ma kinux allinjati bis-sħiħ mar-Regolament Finanzjarju, minħabba li dawn jippermettu proċeduri ta' akkwist innegozjati għal kuntratti b'valur għoli minflok dawk miftuħa jew ristretti, u b'hekk jillimitaw il-kompetizzjoni.

Bħala parti mill-kampjun tagħna, aħna eżaminajna grupp politiku li kien aġġudika tliet kuntratti ta' valur għoli bħal dawn. Fi tnejn minn dawn il-każijiet, ma segwiex bis-sħiħ ir-regoli tal-Parlament Ewropew lanqas, billi ma fittxewx li jiksbu offerti suffiċjenti. F'każ wieħed, il-grupp politiku estenda kuntratt qafas bi 18-il xahar bi prezzijiet unitarji ogħla. Fil-valutazzjoni li wettaqna, din l-emenda rrestrinġiet il-kompetizzjoni. Aħna identifikajna żbalji addizzjonali fin-nefqa ddikjarata mill-grupp politiku fir-rigward tal-VAT mitluba u l-użu ta' rimborż b'rata fissa għall-ivvjaġġar tal-persunal li stma b'mod eċċessiv il-kostijiet reali. Aħna rrappurtajna l-istess problemi fir-Rapport Annwali 2022 tagħna.

Ir-Regolament Finanzjarju jipprovdi li l-fondi mill-baġit tal-UE jistgħu jiġu aġġudikati lill-partiti politiċi Ewropej fid-dawl tal-kontribut tagħhom għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda politika taċ-ċittadini tal-Unjoni. Inqisu li l-bażi ġuridika biex jiġi determinat liema kostijiet huma eliġibbli hija miftuħa għall-interpretazzjoni. Awditjajna tranżazzjoni minnhom li fiha l-Parlament Ewropew kien diġà rkupra nefqa ineliġibbli li l-partit politiku kien talab inizjalment.

Fost it-13-il tranżazzjoni l-oħra li eżaminajna, identifikajna dgħufijiet f'żewġ proċeduri ta' akkwist immexxija mill-Parlament Ewropew. Waħda minnhom kienet tinvolvi kuntratt tal-IT b'tul ta' żmien speċifiku ta' 6 snin li ma kienx ġustifikat biżżejjed, minkejja li r-Regolament Finanzjarju ġeneralment iqiegħed limitu ta' 4 snin għal kuntratti ta' dan it-tip, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

**Il-Kummissjoni Ewropea**

Fost il-25 pagament li ġew eżaminati, issenjalajna 8 żbalji mhux kwantifikabbli, li kienu jinkludu 4 relatati mal-pagament tas-salarji jew tal-pensjonijiet. Fi tlieta minn dawn il-każijiet, il-fajls tal-pensjonijiet ma kellhomx ċertifikat ta' ħajja reċenti għas-sieħeb tal-pensjonant, meħtieġ biex jikkonferma intitolament kontinwu għall-allowances. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa sistema ġdida biex ittejjeb il-verifiki tal-intitolament.

Għal tranżazzjoni waħda għal servizzi tal-IT, il-Kummissjoni ma stabbilietx b'mod ċar, fid-dokumenti tal-akkwist, ir-rekwiżiti għall-edukazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni biex tiġi ddeterminata r-rata ta' kuljum.

[33] Ir-regoli għall-Partita Baġitarja 400, emendati l-aħħar fil-15 ta' Lulju 2024.

Tranżazzjoni waħda kienet tinvolvi pagament ta’ EUR 85 miljun li sar mill-Kummissjoni għad-dritt kontinwu ta’ użu (“użufrutt”) ta’ bini li kienet biegħet fi Brussell. Dan kien l-ewwel minn fost 3 pagamenti parzjali annwali taħt kuntratt iffirmat f’April 2024, li kien ikopri l-bejgħ ta’ 23 binja għal EUR 900 miljun u d-dritt li jintużaw 17 minnhom għal perjodi li jibqgħu għaddejjin sal-2029. Il-bejgħ u l-użufrutt ġew aġġudikati wara sejħa għall-applikazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni, u li rċeviet offerta waħda biss, mingħand kumpanija tal-Istat Belġjan li kienet ippreżentat offerta indikattiva qabel ma l-Kummissjoni nediet is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet kienet tirrikjedi li l-offerenti jippreżentaw garanzija bankarja ta’ EUR 80 miljun, valida għal 6 xhur, biex żgur ikun hemm impenn għall-kuntratt, bil-ftehim ta’ użufrutt inkluż. L-uniku offerent ippreżenta garanzija f’ismu stess, valida għal xahrejn biss. Il-Kummissjoni aċċettatha u kkonkludiet il-kuntratt fi żmien il-perjodu ta’ validità ta’ xahrejn. Sibna li l-garanzija ma kinitx tikkonforma mar-rekwiżiti oriġinali stipulati fis-sejħa għall-applikazzjonijiet. Ninnutaw ukoll li l-kumitat ta’ evalwazzjoni tal-Kummissjoni ma kellux indipendenza suffiċjenti, billi l-membri kollha kienu jwieġbu lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli.

**Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

Fost il-15-il pagament li ġew eżaminati, sibna 2 żbalji kwantifikabbli. Wieħed minnhom kien jikkonċerna emenda sostanzjali fil-kuntratt mingħajr proċedura ta’ akkwist valida u mingħajr miżuri ta’ pubbliċità *ex post*. L-ieħor kien jirrigwarda l-użu ta’ rata tal-kambju skorretta waqt ir-reġistrazzjoni ta’ pagament tal-kera.

## X’nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea:

- issaħħaħ il-kontrolli qabel ma jiġu kkuntrattati servizzi tal-IT; u
- tirrinforza l-indipendenza tal-kumitati ta’ evalwazzjoni għal tranżazzjonijiet li jinkludu l-bejgħ ta’ proprjetà.

*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 10 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

## Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

## Total: EUR 59.9 biljun

### X'awditjajna

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 ("ir-Regolament") li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Dan ġie emendat fi Frar 2023, biex jippermetti lill-Istati Membri jżidu "kapitolu REPowerEU" fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs)[34] tagħhom, u fi Frar 2024[35], biex jippermetti lill-Istati Membri jinkludu fl-NRRPs tagħhom, bħala kostijiet stmati, l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti għall-iskop tal-istabbiliment tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP). L-RRF tappoġġat riformi u investimenti fl-Istati Membri mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 fi Frar 2020 (mill-1 ta' Frar 2022 fil-każ ta' REPowerEU) u se tibqa' għaddejja sal-31 ta' Diċembru 2026.

Il-Kummissjoni timplimenta l-RRF permezz ta' ġestjoni diretta, u dan ifisser li l-Kummissjoni hija direttament responsabbli mill-implimentazzjoni tagħha. Il-pagamenti taħt l-RRF isiru bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jilħqu b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri stabbiliti fl-annessi għad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (CIDs) li japprovaw l-NRRPs tagħhom[36]. Rekwiżiti oħra huma: li l-miri jew l-istadji importanti li preċedentement ikunu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti ma kellhomx jitreġġgħu lura, u li ma hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' finanzjament doppju. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regolament jinkludu l-konformità mal-perjodu ta' eliġibbiltà, il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH), u n-nuqqas ta' sostituzzjoni tan-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti (ħlief għal każijiet debitament ġustifikati)[37]. L-Istati Membri jeħtiġilhom jaraw li l-fondi jintużaw b'mod li żgur jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess.

Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet għamlet 65 pagament ta' għotja (wieħed fl-2021, 13 fl-2022, 23 fl-2023 u 28 fl-2024) li b'kollox ammontaw għal EUR 178.5 biljun. Dan ifisser li kienet ħallset biss 50 % tat-total disponibbli, meta kien għad fadal inqas minn sentejn qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF f'Diċembru 2026. Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-ammonti kumplessivi mħallsa mill-Istati Membri lir-riċevituri finali[38].

In-nefqa taħt l-RRF fl-2024 ammontat għal EUR 59.9 biljun u l-awditu tagħna kopra t-28 pagament ta' għotja kollha li jammontaw għal EUR 53.5 biljun u l-approvazzjoni ta' prefinanzjament li jammonta għal EUR 6.4 biljun. L-awditu li wettaqna la jkopri r-regolarità tan-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali u lanqas il-komponent tas-self tal-RRF.

---

[34] Ir-Regolament (UE) 2023/435.

[35] Ir-Regolament (UE) 2024/795.

[36] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 24(2).

[37] *Ibid.*, l-Artikoli 5, 9, 17(2) u 24(3).

[38] Ir-Rapport Speċjali 13/2024: "Assorbiment ta' fondi mingħand il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Qed isir progress b'xi dewmien u għad hemm riskji fir-rigward tat-twettiq tal-miżuri u, għalhekk, l-ilħuq tal-objettivi tal-RRF, il-paragrafi 53–54.

## X'sibna

| Ammont li kien suġġett għall-awditjar | Kien milqut minn żball materjali? |
|---|---|
| EUR 59.9 biljun | 2024: L-effetti kumplessivi tas-sejbiet tagħna huma materjali, iżda mhux pervażivi |

Minħabba n-natura tal-mudell ta' nfiq tal-RRF, u peress li l-metodoloġija ta' sospensjoni tal-pagamenti tal-Kummissjoni[39] tiddependi mill-għemil ta' ħafna ġudizzji, li possibbilment iwasslu għal interpretazzjonijiet differenti, aħna ma nipprovdux rata ta' żball kumparabbli ma' oqsma oħra ta' nfiq tal-UE.

**L-ilħuq ta' ċerti stadji importanti/miri mhuwiex sodisfaċenti**

Ir-Regolament ma jistipulax kriterji dwar kif għandha tiġi interpretata l-kelma "b'mod sodisfaċenti" b'rabta mal-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri. Meta tivvaluta dan, il-Kummissjoni taċċetta devjazzjonijiet minimi fis-sustanza, fil-forma, fit-twaqqit u fl-ammonti[40]. Aħna ninnutaw li fil-każ ta' kriterji kwalitattivi din il-valutazzjoni tiddependi mill-għemil ta' ħafna ġudizzji, li jwasslu għal diversi interpretazzjonijiet possibbli dwar jekk l-istadji importanti jew il-miri ntlaħqux b'mod sodisfaċenti. Il-verifiki li wettaqna identifikaw sitt stadji importanti u miri f'ħames pagamenti li ma kinux intlaħqu b'mod sodisfaċenti. Aħna sibna li mhux l-elementi kollha meħtieġa mill-istadju importanti jew mill-mira kienu ntlaħqu, u li dawn l-elementi nieqsa kienu jirrappreżentaw aktar minn devjazzjoni minima aċċettabbli. Ninnutaw li hemm xejra li qed tiżdied fl-impatt finanzjarju kumplessiv tas-sejbiet kwantitattivi.

[39] COM(2023) 99 final: L-Anness II tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Sentejn wara — Strument uniku fil-qalba tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE.

[40] *Ibid.*, l-Anness I.

## Figura 29 — Tipi ta' sejbiet relatati mal-kundizzjonijiet ta' pagament u ta' eliġibbiltà




*Sors:* il-QEA.

L-ewwel pagament taħt l-RRF lill-Polonja kien jinkludi żewġ stadji importanti li kellhom l-għan li jsaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati billi jirriformaw ir-reġim dixxiplinari għall-imħallfin biex titjieb il-protezzjoni ġudizzjarja. Sibna dgħufijiet serji fil-ħatra tal-imħallfin. Madankollu, minħabba l-Kawża C-517/24 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) li għadha għaddejja dwar talba għal deċiżjoni preliminari relatata direttament ma' din il-kwistjoni, f'dan l-istadju ma nisiltux konklużjoni dwar l-ilħuq sodisfaċenti taż-żewġ stadji importanti relatati. L-ilħuq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti kien prekundizzjoni għal kwalunkwe pagament taħt l-RRF lill-Polonja.

### Finanzjament doppju

Ir-Regolament juża d-definizzjoni tradizzjonali ta' finanzjament doppju bbażata fuq il-kostijiet[41], minkejja li l-pagamenti taħt l-RRF ma jirrimborżawx il-kostijiet eliġibbli mġarrba iżda pjuttost jippremjaw l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri[42]. Għall-RRF, il-finanzjament doppju jista' jseħħ meta l-istess kost sottostanti ta' stadju importanti jew mira jiġi ffinanzjat darbtejn u/jew meta l-istess outputs/riżultati jiġu ddikjarati, u b'hekk iffinanzjati, darbtejn. L-istess riżultat tanġibbli ma jistax jiġi ffinanzjat darbtejn mill-baġit tal-UE, anki jekk wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament ikkonċernati ma jkunx ibbażat fuq il-kost. Aħna sibna każ wieħed ta' finanzjament doppju fil-Kroazja.

41 Ir-Regolament, l-Artikolu 9.

42 Ir-Rapport Speċjali 22/2024: "Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE: Is-sistemi ta' kontroll ma għandhomx elementi essenzjali biex jimmitigaw ir-riskju akbar li jirriżulta mill-fatt li l-mudell ta' finanzjament tal-RRF mhuwiex marbut mal-kostijiet", il-paragrafu 101.

**Treġġigħ lura**

Ir-Regolament jistipula li l-miżuri u l-azzjonijiet relatati ma' stadji importanti u miri li ntlaħqu preċedentement ma jridux ikunu treġġgħu lura[43]. L-Istati Membri huma meħtieġa jikkonfermaw dan in-nuqqas ta' treġġigħ lura fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni li jakkumpanjaw it-talbiet għall-pagament tagħhom. Sibna każ wieħed ta' treġġigħ lura ta' mira Griega rigward l-istabbiliment u t-tħaddim sħiħ ta' 50 stabbiliment tal-kura tas-saħħa mentali.

**Xi miżuri bdew qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà**

Ir-Regolament jistipula li huma biss il-miżuri li bdew mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem[44] li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-RRF, iżda ma jipprovdix aktar kriterji biex jiġi ddefinit x'jikkostitwixxi l-"bidu" ta' miżura. F'Ottubru 2024, il-Kummissjoni ħarġet gwida[45] li tiċċara li hija tinterpreta l-"bidu" ta' miżura bħala l-bidu tal-implimentazzjoni ta' dik il-miżura fil-prattika meta jimmaterjalizzaw il-kostijiet. Il-fehma tagħna, kif esprimejna wkoll qabel[46], hija li jenħtieġ li l-bidu ta' miżura jitqies bħala d-data tal-ewwel impenn (legali) (eż. fil-forma ta' kuntratt, ordni ta' xiri, jew deċiżjoni ta' finanzjament), peress li dan jikkostitwixxi l-bidu tal-ewwel attività relatata mal-miżura. Tali kuntratt jew deċiżjoni ta' finanzjament tistabbilixxi obbligu u tiskatta attività ekonomika u produttiva fil-livelli tal-kuntrattur u tas-sottokuntrattur u twassal għal riżultati f'pagamenti sussegwenti.

Sibna li l-proġetti relatati ma' stadju importanti wieħed u tliet miri għal żewġ pagamenti kienu bdew qabel Frar 2020. Għalhekk, dawn il-proġetti ma kellhomx jiġu ffinanzjati mill-RRF.

**L-Istati Membri ma jimplimentawx minnufih il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar miftuħa tal-Kummissjoni relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna**

Mill-2021 'il hawn, kien hemm 20 rapport finali tal-awditjar tal-Kummissjoni li huma relatati ma' stadji importanti u miri b'591 rakkomandazzjoni lil 15-il Stat Membru. Fit-30 ta' April 2025, il-Kummissjoni qieset li 417-il rakkomandazzjoni (71 %) kienu ġew implimentati u l-174 li jifdal (29 %) kienu miftuħa. Il-Kummissjoni tikkategorizza s-sejbiet tagħha bħala kritiċi, importanti ħafna, importanti jew mixtieqa. Sejbiet kritiċi jew importanti ħafna jaf jiskattaw riżerva fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Kummissjoni (RAA) jekk l-Istati Membri jkunu għadhom ma aċċettawhomx, ma ċaħduhomx, jew naqsu milli jimplimentawhom. Dawk is-sejbiet kritiċi jew importanti ħafna jaf ukoll jirrappreżentaw ksur serju tal-obbligi tal-ftehim ta' finanzjament, u jaf jirriżultaw f'korrezzjoni b'rata fissa[47].

Għall-biċċa l-kbira (64 %) mill-136 rakkomandazzjoni relatati ma' sejbiet kritiċi u importanti ħafna li baqgħu miftuħa, id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni stabbilita fir-rapport tal-awditjar kienet għaddiet.

---

[43] Ir-Regolament, l-Artikolu 24(3).

[44] *Ibid.*, l-Artikolu 17(2).

[45] COM(2024) 474 final: L-Anness II tar-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[46] Ir-Rapport Annwali 2023, il-paragrafu 11.22.

[47] Ftehim ta' finanzjament, l-Anness I.

**Is-sistemi tal-Istati Membri mhumiex effettivi biżżejjed**

Hemm dgħufijiet fis-sistemi ta' xi Stati Membri biex jaraw li żgur ikun hemm konformità mal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, u sibna wkoll dgħufijiet fit-talbiet għall-pagament (dikjarazzjoni ta' ġestjoni) ta' ħames Stati Membri.

**L-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-frodi identifikata hija limitata**

Indikatur ewlieni għar-riskju ta' frodi huwa l-iskala tal-frodi suspettata. L-unika *data* ppubblikata fil-livell tal-UE dwar l-iskala tal-frodi suspettata b'rabta mal-RRF ġejja mir-rapport annwali tal-2024 tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Sa tmiem l-2024, l-UPPE kien qed jittratta 311-il każ attiv relatati mal-NGEU. Dawn kollha ħlief erbgħa kienu jikkonċernaw l-RRF, u jirrappreżentaw madwar 17 % tal-investigazzjonijiet attivi kollha dwar frodi relatata ma' nefqa. Il-ħsara stmata għall-interessi finanzjarji tal-UE hija ta' EUR 2.8 biljun, u tirrappreżenta 30 % (2023: 25 %) tal-ħsara kumplessiva stmata li tirriżulta minn frodi relatata man-nefqa kollha tal-UE[48]. Dan jikkuntrasta mal-għadd baxx ta' każijiet (ħamsa) irrappurtati mill-Istati Membri fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni li jakkumpanjaw it-talbiet għall-pagament fl-2024.

**It-traċċabbiltà tal-fondi tal-RRF mhijiex sistematika fl-Istati Membri kollha**

Ivvalutajna s-sistemi nazzjonali ta' ħames Stati Membri (il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Italja) biex naraw jekk kinux kapaċi jittraċċaw il-fondi tal-RRF mill-baġit nazzjonali sar-riċevituri finali u lil hinn (eż. lill-kuntratturi, jew lis-sottokuntratturi) u jipprovdu *data* dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali. Id-*data* li ġbarna turi li fi tmiem l-2024, ir-riċevituri finali fl-Italja u fil-Greċja kienu ġarrbu nefqa li tirrappreżenta 49 % u 39 % rispettivament tal-ammonti totali ppjanati fil-baġits nazzjonali tagħhom għar-riformi u l-investimenti taħt l-RRF. Dan jirrappreżenta 76 % (fil-każ tal-Italja) u 82 % (fil-każ tal-Greċja) tal-ammont totali riċevut mill-Kummissjoni. Sibna li s-sistemi fis-seħħ f'żewġ Stati Membri (Spanja u Franza) ma kinux jaraw li żgur ikun hemm ġbir sistematiku ta' *data* dwar in-nefqa mġarrba mir-riċevituri finali ta' fondi taħt l-RRF, filwaqt li għal Stat Membru wieħed (il-Ġermanja) din l-informazzjoni ġiet ipprovduta lilna, fuq talba tagħna, għal ħames miżuri tal-RRF.

## Figura 30 — Fluss ta' finanzjament taħt l-RRF




*Sors:* il-QEA.

[48] Ir-Rapport Annwali 2024 tal-UPPE.

Irrieżaminajna l-metodoloġija li segwew l-Istati Membri għall-pubblikazzjoni tal-akbar 100 riċevitur finali u sibna varjazzjoni sinifikanti fit-tip ta' informazzjoni ppubblikata.

**Ir-rapporti annwali tal-attività u r-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni**

Fir-RAA 2024 tagħha, bħal fi snin preċedenti, il-Kummissjoni ma tistma l-ebda riskju kwantifikabbli fil-waqt tal-pagament għar-raġuni li ma tistax tiġi ddeterminata rata ta' żball sinifikanti. Minflok, il-Kummissjoni tassenja livell ta' riskju (baxx, medju, għoli) għal-legalità u r-regolarità ta' kull pagament li jsir taħt l-RRF, fil-biċċa l-kbira abbażi tar-riżultati tal-valutazzjonijiet preliminari tagħha, l-awditi *ex post* tagħha u l-awditi li twettaq il-QEA meta taqbel magħhom. Pagamenti taħt l-RRF b'riskju għoli li jkunu ogħla mis-*soll de minimis* jenħtieġ li jwasslu għal riżerva. Il-pagamenti kollha tal-2024 ġew ivvalutati mill-Kummissjoni bħala li huma b'riskju baxx. Madankollu, dan mhuwiex konformi mas-sejbiet tagħna.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- testendi l-kopertura tal-verifiki mwettqa matul il-valutazzjonijiet preliminari; u
- tindirizza d-dewmien fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-Kummissjoni.



*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 11 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti speċjali tagħna mill-2021

## Dak li rrieżaminajna

Kull sena, aħna nirrieżaminaw il-punt sa fejn l-entitajiet awditjati minna jkunu ħadu azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tagħna 3 snin wara li nkunu għamilniehom. Dan is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tagħna huwa pass importanti fiċ-ċiklu tal-awditjar. Huwa jipprovdilna feedback dwar jekk l-entitajiet awditjati minna jkunux implimentaw l-azzjonijiet li rrakkomandajna u jekk il-problemi li qajjimna jkunux ġew indirizzati. Huwa importanti wkoll fit-tfassil u l-ippjanar tax-xogħol tal-awditjar futur tagħna u biex jinżamm kont tar-riskji.

Din is-sena, aħna analizzajna rakkomandazzjonijiet mis-27 rapport speċjali kollha li ppubblikajna fl-2021. B'kollox wettaqna segwitu ta' 245 rakkomandazzjoni. Minn dawn, 194 kienu indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea. Il-51 rakkomandazzjoni li jifdal ġew indirizzati lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), lill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB). Bħalma ġara fil-passat, ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati unikament lill-Istati Membri kienu lil hinn mill-ambitu tax-xogħol ta' segwitu li wettaqna.

## X'sibna

L-analiżi li wettaqna turi li l-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti speċjali tal-2021 li ġew aċċettati bis-sħiħ jew parzjalment mill-entitajiet awditjati minna żdied minn 93 % s-sena l-oħra għal 98 % din is-sena (ara l-***Figura 31***). Il-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti żdied minn 68 % s-sena l-oħra għal 76 % din is-sena, u l-proporzjon tar-rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati b'mod f'waqtu żdied minn 52 % għal 56 %. Dan tal-aħħar għadu ma ġiex lura għal-livell ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19, ta' 60 % jew ogħla.

L-analiżi li wettaqna biex nivverifikaw jekk hemmx differenzi bejn it-tliet stadji fiċ-ċiklu ta' politika (l-istadju ta' tfassil, l-istadju ta' implimentazzjoni, u l-istadju ta' rieżaminar) uriet li r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-istadju ta' implimentazzjoni tal-politiki jew tal-programmi juru l-ogħla livell ta' aċċettazzjoni, implimentazzjoni u puntwalità.

## Figura 31 — Livell ta' aċċettazzjoni, implimentazzjoni u puntwalità skont l-istadju fiċ-ċiklu ta' politika




*Rakkomandazzjonijiet skont:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Livell ta' aċċettazzjoni:** | Aċċettati | Parzjalment aċċettati | Mhux aċċettati |
| **Livell ta' implimentazzjoni:** | Bis-sħiħ/Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi wħud mill-aspetti | Mhux implimentati |
| **Livell ta' puntwalità:** | F'waqthom | Imdewma | L-ebda azzjoni ta' segwitu |

*Sors:* il-QEA.

Sibna wkoll li:

- mir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea, 77 % ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti;
- mir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-entitajiet l-oħra awditjati minna, 75 % ġew implimentati bis-sħiħ jew fil-biċċa l-kbira mill-aspetti;
- fir-rigward tal-istadji ta' politika, 28 % tar-rakkomandazzjonijiet tagħna mir-rapporti speċjali tal-2021 kienu relatati mal-istadju ta' tfassil, 56 % mal-istadju ta' implimentazzjoni, u 17 % mal-istadju ta' rieżaminar.

*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tal-Kapitolu 12 tar-Rapport Annwali 2024 tagħna jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

## Total: EUR 1.35 biljun

### X'awditjajna

Imnedija fl-1959, il-FEŻ kienu l-istrumenti prinċipali li permezz tagħhom l-Unjoni Ewropea (UE) iffinanzjat il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u mal-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej (PTEE) sa tmiem l-2020. L-objettiv primarju tal-FEŻ huwa li jnaqqsu u eventwalment jeqirdu l-faqar, f'konformità mal-objettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-11-il FEŻ (li huwa wkoll l-aħħar wieħed) ikopri l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014–2020.

### Figura 32 — Fondi Ewropej għall-Iżvilupp: stampa ġenerali finanzjarja għall-2024




* F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-kontijiet annwali tad-9, tal-10 u tal-11-il FEŻ għall-2024.

Għall-QFP 2021–2027, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi AKP ġiet inkorporata fl-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, bħala parti mill-baġit ġenerali tal-UE, u l-kooperazzjoni mal-PTEE ġiet inkorporata fid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea, inkluża Greenland. Madankollu, id-9, l-10 u l-11-il FEŻ ma ġewx inkorporati fil-baġit ġenerali tal-UE u għadhom qed jiġu implimentati u rrappurtati separatament sal-għeluq tagħhom.

In-nefqa koperta f’dan ir-rapport hija tirrigwarda l-appoġġ li jitwassal f’76 pajjiż bl-użu ta’ firxa wiesgħa ta’ metodi bħal: kuntratti ta’ xogħlijiet, ta’ provvista u ta’ servizzi, għotjiet, appoġġ baġitarju, stimi tal-programmi u ftehimiet ta’ delega konklużi ma’ entitajiet ivvalutati skont il-pilastru (bħal organizzazzjonijiet internazzjonali).

Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi għalkollox mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Sħubijiet Internazzjonali (id-DĠ INTPA). Proporzjon żgħir (5 %) tal-pagamenti li saru fl-2024 taħt il-FEŻ kien immaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (id-DĠ NEAR). Mill-1 ta’ Frar 2025, id-DĠ NEAR inqasam f’żewġ DĠ separati: id-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir u għall-Viċinat tal-Lvant (id-DĠ ENEST) u d-Direttorat Ġenerali għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta’ Fuq u l-Golf (id-DĠ MENA).

## X’sibna

Sibna li l-kontijiet kienu ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

It-tranżazzjonijiet relatati mad-dħul ma kienx fihom livell materjali ta’ żball.

It-tranżazzjonijiet ta’ pagamenti mill-FEŻ kienu milquta minn livell materjali ta’ żball. Abbażi tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet li wettaqna, aħna nistmaw li l-livell ta’ żball huwa ta’ 6.5 %.

*Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni*

Biex nawditjaw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, aħna eżaminajna kampjun ta’ 85 tranżazzjoni li kien rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tal-infiq mill-FEŻ. Dan kien jinkludi 16-il tranżazzjoni relatati mal-Fond Fiduċjarju ta’ Emerġenza għall-Afrika, tranżazzjoni waħda relatata mal-Fond Fiduċjarju Bêkou, 54 tranżazzjoni li ġew awtorizzati minn 14-il delegazzjoni tal-UE[49] u 14-il tranżazzjoni li ġew approvati mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. Fejn konna qbadna żbalji fit-tranżazzjonijiet, analizzajna l-kawżi sottostanti biex nidentifikaw id-dgħufijiet potenzjali. Barra minn hekk, għat-tranżazzjonijiet li ġew awditjati fuq il-post, aħna wettaqna valutazzjonijiet tal-prestazzjoni, fejn kien fattibbli u rilevanti.

Mill-85 tranżazzjoni li eżaminajna, 34 (40.0 %) kien fihom żbalji. Fuq il-bażi tas-27 żball li kkwantifikajna, nistmaw li l-livell ta’ żball huwa ta’ 6.5 % (ara l-***Figura 33***).

[49] Il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Guinea-Bissau, il-Kenja, il-Malawi, il-Mauritania, Mauritius, il-Mozambique, in-Namibja, in-Niġerja, Sierra Leone, it-Togo, l-Uganda, iż-Żambja.

## Figura 33 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet




*Sors:* il-QEA.

Il-*Figura 34* tagħti diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat minna għall-2024 skont it-tip ta' żball.

## Figura 34 — Diżaggregazzjoni tal-livell ta' żball stmat, skont it-tip ta' żball




*Sors:* il-QEA.

Fi 13-il każ ta' żball kwantifikabbli, il-Kummissjoni kellha biżżejjed informazzjoni biex tipprevjeni, jew biex taqbad l-iżball u tikkoreġih, qabel ma taċċetta n-nefqa. Li kieku l-Kummissjoni għamlet użu xieraq mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat kien ikun aktar baxx b'2.2 punti perċentwali.

*Rieżaminar tar-Rapport Annwali tal-Attività 2024 tad-DĠ INTPA*

Fir-RAA 2024 tad-DĠ INTPA, Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali ma tinkludi l-ebda riżerva. Id-DĠ INTPA naqqas sinifikattivament l-ambitu tar-riżervi (jiġifieri s-sehem tan-nefqa koperta minnhom), minn 16 % fl-2017 għal 1 % fl-2018, u mbagħad għal żero mill-2019 'il quddiem.

Id-DĠ INTPA jistma li l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta' EUR 89.7 miljun (1.1 % tan-nefqa fl-2024) u l-ammont kumplessiv f'riskju fil-waqt tal-għeluq huwa ta' EUR 78.6 miljun (0.97 % tan-nefqa fl-2024). Mill-ammont f'riskju fil-waqt tal-pagament, id-DĠ INTPA jistma, abbażi ta' *data* storika medja, li EUR 11.1-il miljun (12.4 %) se jiġu kkoreġuti mill-verifiki tiegħu fi snin sussegwenti (dan l-ammont huwa magħruf bħala l-"kapaċità korrettiva"). Minn dan l-ammont stmat, il-Kummissjoni rrappurtat li EUR 5.0 miljun fil-fatt ġew irkuprati fl-2024. Wara li ttestjajna 60.9 % ta' dan l-ammont implimentat (EUR 3.1 miljun), sibna li EUR 0.2 miljun ma kellhomx jiġu rrappurtati bħala kapaċità korrettiva implimentata.

*Studju dwar ir-rata tal-iżball residwu 2024*

Fl-2024, it-13-il studju tad-DĠ INTPA dwar l-RER kien twettaq minn kuntrattur estern. L-iskop tal-istudju huwa li tiġi stmata r-rata ta' dawk l-iżbalji li ma jkunux inqabdu mill-verifiki ta' ġestjoni kollha tad-DĠ INTPA fil-qasam kollu kemm hu ta' responsabbiltà tiegħu, sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività ta' dawk il-verifiki.

Fl-2024, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi l-metodoloġija tal-RER b'effett mill-2025. L-emendi għandhom l-għan, fost l-oħrajn, li jiddefinixxu b'mod aktar ċar it-trattament ta' entrati ta' valur għoli u li jiġi ffissat limitu massimu għall-possibbiltà li jkun hemm dipendenza kompleta fuq ir-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni u x-xogħol ta' awdituri oħra. Madankollu, jeżistu xi nuqqasijiet.

*Valutazzjoni tal-kisbiet tal-proġetti matul iż-żjarat tal-awditjar li wettaqna*

Bħala parti miż-żjarat tal-awditjar li wettaqna, ivvalutajna wkoll il-ksib tal-proġetti li tlestew jew kważi tlestew. Il-valutazzjoni tagħna kienet tinkludi, iżda ma kinitx limitata għal, rieżami tal-indikaturi tal-output u tal-eżiti, kif ukoll tar-riżultati tal-proġetti. Ir-riżultati tal-verifiki li wettaqna kienu jvarjaw. F'xi każijiet il-finanzjament kien intuża b'mod effettiv u kkontribwixxa għall-ilħuq tal-objettivi tal-proġetti. Madankollu, bħal fi snin preċedenti[50], identifikajna wkoll każijiet li fihom il-proġetti tal-UE ma rnexxilhomx jilħqu l-objettivi kollha tagħhom. B'mod partikolari, l-infrastruttura mibnija taħt il-proġetti mhux dejjem saritilha manutenzjoni wara li tlestew il-proġetti, u dan qajjem tħassib serju dwar id-durabbiltà tagħhom.

[50] Ir-Rapporti Annwali 2022 u 2023 dwar il-FEŻ.

## X'nirrakkomandaw

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- tara li żgur ikun hemm konformità mar-regoli dwar il-viżibbiltà;
- issaħħaħ il-verifiki relatati ma' somom f'daqqa jew kostijiet oħra ddikjarati taħt għażliet ta' kostijiet simplifikati; u
- tieħu pass biex iżżid id-durabbiltà tal-proġetti.



*Tixtieq tkun taf aktar? It-test sħiħ tar-rapport dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-2024 jinsab fuq is-**sit elettroniku** tagħna (**eca.europa.eu**).*

# Informazzjoni ġenerali

## Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u x-xogħol tagħha

Il-QEA hija l-awditur indipendenti estern tal-UE. Aħna ninsabu fil-Lussemburgu u nimpjegaw madwar 900 membru tal-persunal min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE. Il-missjoni tagħna hija li nikkontribwixxu għat-titjib tal-amministrazzjoni u tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, u li nippromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, kif ukoll li naġixxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-UE. Ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna huma element essenzjali fil-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jintalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri. Aħna nwissu dwar riskji, nipprovdu aċċertament, nindikaw nuqqasijiet u pratika tajba, u noffru gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE dwar kif jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE. Permezz tax-xogħol tagħna, naraw li ċ-ċittadini tal-UE żgur ikunu jafu kif qed jintefqu flushom.

## L-output tagħna

Aħna noħorġu:

- rapporti annwali, li prinċipalment fihom ir-riżultati ta' xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità relatat mal-baġit tal-UE u mal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, iżda wkoll ma' aspetti li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-baġit;
- rapporti speċjali, li jippreżentaw ir-riżultati ta' awditi magħżula dwar oqsma speċifiċi ta' politika jew ta' nfiq, jew dwar kwistjonijiet baġitarji jew ta' ġestjoni;
- rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-impriżi konġunti tal-UE;
- opinjonijiet dwar liġijiet ġodda jew liġijiet aġġornati b'impatt sinifikanti fuq il-ġestjoni finanzjarja — jew fuq talba ta' istituzzjoni oħra jew inkella fuq l-inizjattiva tagħna stess;
- rapporti analitiċi, li jipprovdu deskrizzjoni ta' politiki, sistemi, strumenti jew suġġetti aktar iffukati, jew informazzjoni dwarhom.

## Approċċ tal-awditjar għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna — daqqa t'għajn

L-opinjonijiet fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna huma bbażati fuq evidenza oġġettiva miksuba minn ittestjar tal-awditjar f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar.

Kif iddikjarat fl-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021–2025, għall-QFP 2021–2027, aħna se nkomplu niżviluppaw l-approċċ tal-awditjar tagħna u nużaw id-*data* u l-informazzjoni disponibbli, li se jippermettulna nkomplu nipprovdu aċċertament qawwi, ibbażat fuq il-mandat tagħna skont it-Trattat u f'konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tal-awditjar tas-settur pubbliku.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

**Il-kontijiet annwali tal-UE jipprovdu informazzjoni kompleta u preċiża?**

Kull sena, id-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni jiġġeneraw mijiet ta' eluf ta' entrati kontabilistiċi, filwaqt li jiġbru informazzjoni minn ħafna sorsi differenti (inklużi l-Istati Membri). Aħna niċċekkjaw li l-proċessi kontabilistiċi jaħdmu kif suppost u li d-*data* kontabilistika li tirriżulta tkun kompleta, tkun irreġistrata b'mod korrett u tkun ippreżentata kif xieraq fir-rapporti finanzjarji tal-UE.

- Aħna nevalwaw is-sistema kontabilistika biex niżguraw li din tipprovdi bażi tajba għall-produzzjoni ta' *data* affidabbli.
- Nivvalutaw proċeduri kontabilistiċi ewlenin biex niżguraw li dawn jiffunzjonaw b'mod korrett.

- Inwettqu verifiki analitiċi tad-*data* kontabilistika biex niżguraw li din tiġi ppreżentata b'mod konsistenti u tkun tidher raġonevoli.

- Niċċekkjaw b'mod dirett kampjun ta' entrati kontabilistiċi biex naraw li żgur it-tranżazzjonijiet ta' bażi jkunu jeżistu u li dawn ikunu ġew irreġistrati b'mod preċiż.

- Niċċekkjaw ir-rapporti finanzjarji biex naraw li żgur dawn jippreżentaw is-sitwazzjoni finanzjarja b'mod ġust.

## Regolarità tat-tranżazzjonijiet

**It-tranżazzjonijiet relatati mal-introjtu u mal-pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż, u li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-UE, huma konformi mar-regoli?**

Il-baġit tal-UE jinvolvi miljuni ta' pagamenti lil benefiċjarji, kemm fl-UE kif ukoll fil-bqija tad-dinja. Il-biċċa l-kbira minn dan l-infiq huwa mmaniġġjat mill-Istati Membri. Biex niksbu l-evidenza li neħtieġu, aħna nivvalutaw is-sistemi li permezz tagħhom l-introjtu u l-pagamenti kontabilizzati bħala spejjeż (jiġifieri l-pagamenti finali u l-approvazzjoni tal-pagamenti bil-quddiem) jiġu amministrati u ċċekkjati, u neżaminaw kampjun ta' tranżazzjonijiet.

Fejn it-termini tal-istandards internazzjonali tal-awditjar rilevanti jkunu ġew issodisfati, aħna nirrieżaminaw u nerġgħu nwettqu l-verifiki u l-kontrolli li jkunu twettqu minn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Għaldaqstant, aħna nieħdu kont sħiħ ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet fuq il-bażi ta' dawn il-verifiki.

- Nivvalutaw is-sistemi għad-dħul u n-nefqa biex niddeterminaw kemm dawn huma effettivi biex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet huma regolari.

- Nieħdu kampjuni statistiċi ta' tranżazzjonijiet biex nipprovdu bażi għat-twettiq ta' ttestjar dettaljat mill-awdituri tagħna. Neżaminaw it-tranżazzjonijiet li jkunu fil-kampjun fid-dettall, inklużi dawk għand ir-riċevituri finali (eż. bdiewa, istituti tar-riċerka jew kumpaniji li jipprovdu xogħlijiet jew servizzi permezz ta' akkwist pubbliku), biex niksbu evidenza li kull avveniment ta' bażi jkun jeżisti, ikun ġie rreġistrat kif xieraq u jkun jikkonforma mar-regoli biex isiru pagamenti.

- Aħna nanalizzaw l-iżbalji u nikklassifikawhom bħala kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli. It-tranżazzjonijiet ikunu milquta minn żball kwantifikabbli jekk, abbażi tar-regoli, il-pagament ma kellux jiġi awtorizzat. Nestrapolaw l-iżbalji kwantifikabbli biex niksbu livell ta' żball stmat għal kull qasam li fih nagħmlu valutazzjoni speċifika. Aħna, imbagħad, inqabblu l-livell ta' żball stmat ma' soll ta' materjalità ta' 2 % u nivvalutaw jekk l-iżbalji jkunux pervażivi.

- L-opinjonijiet tagħna jieħdu kont ta' dawn il-valutazzjonijiet u ta' informazzjoni rilevanti oħra, bħal rapporti annwali tal-attività u rapporti minn awdituri esterni oħra.

- Aħna niddiskutu s-sejbiet kollha tagħna kemm mal-awtoritajiet fl-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni biex nikkonfermaw li l-fatti tagħna huma korretti.

**X'inhuma l-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tagħna għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF?**

- Aħna noħorġu opinjoni separata dwar ir-regolarità tan-nefqa taħt l-RRF bħala parti mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna dwar il-baġit tal-UE. Dan għaliex aħna nqisu li l-mudell ta' implimentazzjoni tal-RRF huwa differenti u li huwa strument temporanju. B'din l-opinjoni, għandna l-għan li nipprovdu aċċertament raġonevoli dwar il-pagamenti, u li nipprovdu informazzjoni dettaljata abbażi ta' din l-opinjoni fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (ara l-***Figura 35***).

- Il-biċċa l-kbira mill-aċċertament li nipprovdu niksbuh mill-ittestjar sostantiv u mill-valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. L-aċċertament li nipprovdu jiġi kkomplementat mir-RAA u mill-AMPR, kif ukoll mir-rapporti tas-Servizz tal-Awditjar Intern.

- Xogħolna jikkonforma mal-istandards internazzjonali tal-awditjar u jiżgura li l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna jkunu appoġġati minn evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u xierqa.

## Figura 35 — Opinjoni tal-awditjar




*Sors:* il-QEA.



*Sors:* il-QEA.

*Il-prodotti kollha tagħna jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tagħna* ***eca.europa.eu****.*

**DRITTIJIET TAL-AWTUR**

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

**L-użu mill-ġdid tar-ritratti li ġejjin huwa awtorizzat dment li jiġu indikati d-detentur tad-drittijiet tal-awtur, is-sors u, fejn ikun meħtieġ, l-ismijiet tal-fotografi:**

P. 4: © L-Unjoni Ewropea, 2023, sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri/Sophie Margue.
P. 81: © L-Unjoni Ewropea, 2025, sors: Qorti Ewropea tal-Awdituri. Periti tal-binjiet: Paul Noël (1988) u Jim Clemes (2003 u 2013).

**Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:**

Il-Figura 13 tfasslet bl-użu ta' ikoni mingħand Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
P. 16: © InfiniteFlow, stock.adobe.com.
P. 35: © Funtap, stock.adobe.com.
P. 39: © K.Mongkol, stock.adobe.com.
P. 45: © elgreko, stock.adobe.com.
P. 50: © Worawut, stock.adobe.com.
P. 54: © Maryna, stock.adobe.com.
Il-Figura 30 tfasslet bl-użu ta' ikoni mingħand Flaticon.com (it-tielet, ir-raba' u l-ħames ikona mix-xellug). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.
P. 75: © paryati, stock.adobe.com.
Il-Figura 35 inħolqot bl-użu ta' ikoni mingħand Flaticon.com (ix-xellug fuq nett u żewġ ikoni t'isfel). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati. L-ikona tal-ger ġiet immodifikata mill-QEA, © Ramziia, stock.adobe.com.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

## KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, 2024 -Awditu ttal-UE fil-qosor, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PRINT | ISBN 978-92-849-5640-1 | ISSN 2812-166X | doi:10.2865/9003917 | QJ-01-25-046-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-849-5639-5 | ISSN 2812-1651 | doi:10.2865/7112600 | QJ-01-25-046-MT-N |
| HTML | ISBN 978-92-849-5638-8 | ISSN 2812-1651 | doi:10.2865/4223918 | QJ-01-25-046-MT-Q |

## Kelmtejn dwar id-dokument "2024 - Awditu tal-UE fil-qosor"

Id-dokument "2024 - Awditu tal-UE fil-qosor" jagħti stampa ġenerali tar-Rapporti Annwali 2024 tagħna dwar il-baġit ġenerali tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, fejn nippreżentaw id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li għamilna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Koprejna wkoll il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u nipprovdu opinjoni separata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tagħha. L-"Awditu tal-UE fil-qosor" jiddeskrivi wkoll fil-qosor is-sejbiet ewlenin tagħna rigward id-dħul u l-oqsma prinċipali ta' nfiq taħt il-baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll is-sejbiet relatati mal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

It-testi sħaħ tar-rapporti huma disponibbli fuq eca.europa.eu.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija l-awditur indipendenti estern tal-UE. Aħna nwissu dwar riskji, nipprovdu aċċertament, niġbdu l-attenzjoni għal nuqqasijiet u prattika tajba, u noffru gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE dwar kif jista' jsir titjib fil-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE. Permezz tax-xogħol li nwettqu, niżguraw li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jafu kif qed jintefqu flushom.

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea